2025/2153

23.10.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/2153

tat-22 ta' Ottubru 2025

li jimponi dazju anti-dumping definittiv u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju proviżorju impost fuq importazzjonijiet ta' viti mingħajr irjus li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, u li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet irreġistrati ta' viti mingħajr irjus li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]) (ir-"Regolament bażiku") u b'mod partikolari l-Artikolu 9(4) tiegħu,

Billi:

1. PROĊEDURA

1.1. Bidu

(1) Fis-17 ta' Ottubru 2024, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") bdiet investigazzjoni anti-dumping fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' viti mingħajr irjus ("viti") li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("iċ-Ċina") abbażi tal-Artikolu 5 tar-Regolament bażiku. Hija ppubblikat Notifika tal-Bidu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Injoni Ewropew* ([2]) ("in-Notifika tal-Bidu").

(2) Il-Kummissjoni bdiet l-investigazzjoni wara lment ippreżentat fit-2 ta' Settembru 2024 mill-Istitut Ewropew tal-Elementi tal-Irbit Industrijali ("l-ilmentatur" jew "EIFI", European Industrial Fasteners Institute). L-ilment sar f'isem l-industrija tal-Unjoni tal-viti mingħajr irjus fis-sens tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament bażiku. L-ilment kien fih evidenza ta' dumping u tad-dannu materjali li jirriżulta li kienet biżżejjed sabiex tiġġustifika l-bidu tal-investigazzjoni.

1.2. Reġistrazzjoni

(3) Il-Kummissjoni għamlet l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat soġġetti għar-reġistrazzjoni bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/141 ([3]) ("ir-Regolament dwar ir-reġistrazzjoni").

1.3. Miżuri proviżorji

(4) F'konformità mal-Artikolu 19a tar-Regolament bażiku, fid-19 ta' Mejju 2025, il-Kummissjoni pprovdiet lill-partijiet b'sommarju tad-dazji proposti u b'dettalji dwar il-kalkolu tal-marġnijiet tad-dumping u l-marġnijiet adegwati biex jitneħħa d-dannu għall-industrija tal-Unjoni. Il-partijiet interessati ġew mistiedna jikkummentaw dwar il-preċiżjoni tal-kalkoli fi żmien 3 ijiem tax-xogħol. Ma wasal l-ebda kumment dwar l-akkuratezza tal-kalkoli.

(5) Fis-16 ta' Ġunju 2025, il-Kummissjoni imponiet dazji anti-dumping proviżorji fuq l-importazzjonijiet ta' viti mingħajr irjus li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1189 ([4]) ("ir-Regolament proviżorju").

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/1036/oj.
([2]) ĠU C, C/2024/6209, 17.10.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/6209/oj.
([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/141 tad-29 ta' Jannar 2025 li jagħmel importazzjonijiet ta' viti bla rjus li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina soġġetti għar-reġistrazzjoni (ĠU L, 2025/141, 30.1.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/141/oj).
([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1189 tat-13 ta' Ġunju 2025 li jimponi dazji anti-dumping proviżorji fuq importazzjonijiet ta' viti mingħajr irjus li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L, 2025/1189, 16.6.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/1189/oj).

1.4. **Proċedura sussegwenti**

(6) Wara l-impożizzjoni ta' miżuri proviżorji, il-partijiet li ġejjin ressqu kummenti dwar is-sejbiet proviżorji sal-iskadenza prevista mill-Artikolu 2(1) tar-Regolament proviżorju:

— il-produtturi esportaturi Ċiniżi inklużi fil-kampjun Junyue Standard Part Co., Ltd. ("Junyue"), Chinafar group ("Chinafar") u Brother group;

— importatur Pretec AB;

— importatur Kohlhage Fasteners GmbH and Co. ("Kohlhage");

— assoċjazzjoni tal-fornituri tal-azzar EUROFER;

— Assoċjazzjoni Ewropea tad-Distributuri tal-Elementi tal-Irbit ("EFDA", European Fastener Distributors Association);

— Istitut Ewropew tal-Elementi tal-Irbit Industrijali ("EIFI" jew "l-ilmentatur").

(7) Il-partijiet li talbu li jinstemgħu ngħataw din l-opportunità. Saret seduta ta' smigħ mal-importatur Pretec AB.

(8) Il-Kummissjoni kompliet tfittex u tivverifika l-informazzjoni kollha li qieset meħtieġa għas-sejbiet definittivi tagħha. Meta waslet għas-sejbiet definittivi tagħha, il-Kummissjoni kkunsidrat il-kummenti preżentati mill-partijiet interessati u rrevediet il-konklużjonijiet proviżorji tagħha fejn kien xieraq.

(9) Il-Kummissjoni informat lill-partijiet interessati kollha dwar il-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li abbażi tagħhom kellha l-ħsieb li timponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' viti mingħajr irjus li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (id-"divulgazzjoni finali"). Il-partijiet kollha ngħataw perjodu li matulu setgħu jikkummentaw dwar id-divulgazzjoni definittiva. Il-partijiet li għamlu t-talba biex jinstemgħu, ingħataw din l-opportunità. Saret seduta ta' smigħ mal-EIFI u l-EFDA.

1.5. **Affermazzjonijiet dwar il-bidu**

(10) Ma waslet l-ebda affermazzjoni dwar il-bidu. Għalhekk, il-konklużjoni mill-premessa (6) tar-Regolament proviżorju ġiet ikkonfermata.

1.6. **Kampjunar**

(11) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, l-EIFI argumenta li mhux il-produtturi esportaturi Ċiniżi kollha li ppreżentaw ruħhom fl-eżerċizzju tal-kampjunar kienu produtturi ġenwini ta' viti mingħajr irjus.

(12) Filwaqt li l-Kummissjoni kienet diġà eskludiet uħud mill-kumpaniji li ppreżentaw ruħhom u li nstabu li ma kinux produtturi esportaturi ġenwini mil-lista annessa mar-Regolament proviżorju, ħija wettqet kontrolli addizzjonali b'risposta għas-sottomissjoni tal-EIFI. Il-Kummissjoni talbet lill-kumpaniji Ċiniżi li kkooperaw kollha biex jipprovdu l-liċenzja tan-negozju u l-ftehimiet ta' assoċjazzjoni tagħhom, u, fejn meħtieġ, evidenza addizzjonali li turi li kienu produtturi esportaturi ġenwini tal-prodott ikkonċernat. Il-kumpaniji li ma weġbux ġew infurmati li l-Kummissjoni qieset in-nuqqas ta' risposta bħala nuqqas ta' kooperazzjoni f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Il-lista ta' produtturi esportaturi li kkooperaw ġiet riveduta kif xieraq.

(13) Ma wasal l-ebda kumment ieħor dwar il-kampjunar. Għalhekk, il-konklużjonijiet mill-premessi (7) sa (16) tar-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati.

1.7. **Perjodu ta' investigazzjoni u perjodu kkunsidrat**

(14) L-investigazzjoni tad-dumping u tad-dannu kopriet il-perjodu mill-1 ta' Lulju 2023 sat-30 ta' Ġunju 2024 ("il-perjodu ta' investigazzjoni"). L-eżami tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tad-dannu kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2021 sa tmiem il-perjodu ta' investigazzjoni ("il-perjodu kkunsidrat").

2. PRODOTT KONĊERNAT U PRODOTT SIMILI

(15) Il-prodott taħt investigazzjoni huwa viti u boltijiet, kemm jekk bl-iskorfini u l-woxers tagħhom, kif ukoll jekk le, mingħajr irjus, tal-ħadid jew tal-azzar għajr l-azzar inossidabbli, irrispettivament mis-saħħa tensili, eskluži l-coach screws u viti oħra tal-injam, ganċijiet bil-kamin u ċrieki bil-kamin, viti self-tapping, u viti u boltijiet għat-twaħħil ta' materjal għall-bini ta' binarji ferrovjarji.

(16) Il-prodott ikkonċernat huwa l-prodott taħt investigazzjoni li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, li bħalissa jaqa' taħt il-kodiċijiet NM 7318 15 42 u 7318 15 48.

2.1. Dikjarazzjonijiet dwar l-ambitu tal-prodott

(17) Importatur minnhom, Pretec AB, argumenta li l-vireg tal-infrastruttura strutturali galvanizzati b'immersjoni taħraq ("SIRs", Structural Infrastructure Rods) b'tulijiet ta' 5,8 metri għandhom jiġu eskluži mill-ambitu tal-prodott ta' din l-investigazzjoni peress li jikkostitwixxu prodott distint minħabba:

— karatteristiċi kimiċi, fiżiċi u tekniċi distinti meta mqabbla ma' viti oħra, b'mod partikolari minħabba l-kisi taż-żingu oħxon tagħhom (45–215 μm) mill-galvanizzazzjoni b'immersjoni taħraq, li jipprovdi reżistenza superjuri għall-korrużjoni meta mqabbla mal-kisi elettroliku (5–20 μm) u hija essenzjali għall-klimi Nordiċi;

— L-SIRs b'tulijiet ta' 5,8 metri huma unikament adatti għal proġetti infrastrutturali kbar (eż. pontijiet, binjiet) li jirrikjedu durabbiltà fit-tul, għall-kuntrarju ta' viti iżgħar użati f'applikazzjonijiet domestiċi jew industrijali;

— L-ebda produttur tal-Unjoni ma jista' jipprovdi SIRs galvanizzati b'immersjoni taħraq b'tulijiet ta' 5,8 metri li jintalbu fis-swieq Nordiċi (kategoriji ta' korrużività C3–C5), b'hekk huma meħtieġa l-importazzjonijiet.

(18) Il-Kummissjoni nnotat li, tabilħaqq, fir-rigward tad-distinzjonijiet kimiċi u fiżiċi, il-galvanizzazzjoni b'immersjoni taħraq toħloq kisja taż-żingu aktar flessibbli (45–215 μm) meta mqabbla mal-kisi elettroliku (5–20 μm). Madankollu, il-ħxuna tal-galvanizzazzjoni u t-tul tal-SIRs ġew meqjusa li jirriflettu l-applikazzjoni speċifika ta' prodott li kienet taqa' fi ħdan id-definizzjoni tal-istess prodott, u mhux ta' prodott differenti.

(19) Fir-rigward tal-affermazzjonijiet tekniċi u tal-użu finali, il-Kummissjoni sabet li l-SIRs intużaw fl-istess setturi bħal viti mingħajr irjus oħra, b'mod partikolari s-settur tal-kostruzzjoni u għalhekk kienu f'kompetizzjoni diretta ma' viti mingħajr irjus oħra f'dan is-settur.

(20) Barra minn hekk, l-evidenza pprovduta mill-EIFI turi l-kapaċitajiet ta' produzzjoni eżistenti tal-kisi taż-żingu huma bejn 100 000 u 300 000 MT/sena u l-produzzjoni ta' vireg sa sitt metri huma bejn 50 000 u 150 000 MT/sena fl-Unjoni. Il-Kummissjoni sabet li hemm metodi oħra ta' produzzjoni disponibbli għall-protezzjoni tal-azzar mill-korrużjoni speċjalment fi klimi Nordiċi.

(21) Għalhekk, l-affermazzjoni li jiġu eskluži vireg tal-infrastruttura strutturali galvanizzati b'immersjoni taħraq ta' 5,8 metri ġiet miċħuda.

(22) Wara d-divulgazzjoni definittiva, Pretec sostna li l-Kummissjoni ma kinitx ikkunsidrat kif xieraq l-ambitu sħiħ tal-evidenza xjentifika, teknika u regolatorja pprovduta minn Pretec, li tappoġġa n-natura distinta tal-SIRs u li għalhekk jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkunsidra mill-ġdid u tilqa' t-talba ta' Pretec għall-eskluzjoni tas-SIRs. In-nuqqas ta' alternattivi vijabbli fl-Unjoni u r-raġunament difettuż għall-klassifikazzjoni tal-prodotti jiġġustifikaw ukoll l-esklużjoni tas-SIRs mill-kamp ta' applikazzjoni.

(23) B'mod partikolari, Pretec sostna li:

— Hemm distinzjonijiet fattwali xjentifiċi u tekniċi, bħal galvanizzazzjoni f'banju sħun ta' SIRs, li toħloq rabta metallurġika bejn iż-żingu u l-azzar, li tifforma kisja ta' liga durabbli bi protezzjoni doppja kontra l-korrużjoni (barriera u katodika) li l-kisi elettrolitiku ma jistax jirreplika. Dan il-proċess jibdel b'mod fundamentali l-proprjetajiet tal-azzar, u jagħmel SIRs strutturalment u funzjonalment distinti minn prodotti miksija oħra. Is-SIRs użati fl-infrastruttura Nordika jridu jissodisfaw standards tekniċi stretti (eż. EN ISO 898–1) għas-saħħa tal-impatt (27 Joules f'-20 °C) u għar-reżistenza għall-korrużjoni f'ambjenti ħorox (klassijiet ta' korrużività C3 — C5), li ma jiġux issodisfati minn alternattivi elettrolitiċi.

— SIRs jaqgħu taħt l-ispeċifiċità regolatorja u tas-suq, peress li huma rregolati minn standards ISO distinti (eż. ISO 10684, 1461) għall-protezzjoni mill-korrużjoni u proprjetajiet mekkaniċi, għall-kuntrarju tal-istandards għal viti żgħar jew kisi elettrolitiku msemmija fl-ilment. Barra minn hekk, il-proġetti infrastrutturali Nordiċi (eż. pontijiet, mini) jeħtieġu SIRs galvanizzati b'banju sħun jew azzar inossidabbli minħabba speċifikazzjonijiet tekniċi vinkolanti minn entitajiet tal-Istat (eż. Vattenfall, Svenska Kraftnät) u oqfsa tal-industrija bħal AMA Anläggning. Alternattivi elettrolitiċi huma espliċitament esklużi minn dawn il-proġetti.

— SIRs ma jistgħux jinbidlu ma' viti iżgħar mingħajr ras minħabba differenzi fid-daqs, fil-kapaċità tal-ġarr tat-tagħbija, u fir-rekwiżiti tekniċi. Huma jikkompetu ma' SIRs tal-azzar inossidabbli (esklużi mill-investigazzjoni), mhux prodotti elettrolitiċi.

— Minkejja d-dikjarazzjonijiet tal-industrija tal-Unjoni ta' kapaċità ta' produzzjoni suffiċjenti tal-Unjoni, l-ebda fornitur tal-Unjoni ma jista' jipproduċi SIRs galvanizzati f'banju sħun li jissodisfaw l-istandards ISO għat-tul, il-funzjonalità u r-reżistenza għall-korrużjoni. L-evidenza tas-suq, inkluża l-istorja tal-importazzjoni ta' 20 sena ta' Pretec u l-konfermi tal-fornitur, tivvalida din id-diskrepanza teknika u kummerċjali.

— Il-Kummissjoni naqset milli tindirizza fatturi kritiċi li jiddefinixxu l-uniċità tas-SIRs, bħall-irbit metallurġiku, il-kwalità tal-azzar, u l-konformità mal-istandards ISO/EN. Hija assimilat ukoll b'mod skorrett l-SIRs ma' prodotti oħra bbażati fuq kodiċijiet doganali kondiviżi, filwaqt li injorat l-ispeċifikazzjonijiet u l-użi finali distinti tagħhom.

(24) Il-Kummissjoni nnotat li, meta ddefiniet il-prodott li qed jiġi investigat, l-ilment indirizza b'mod espliċitu l-kisi li jipproteġi l-korrużjoni, inkluża l-galvanizzazzjoni permezz ta' banju sħun, kif rilevanti għall-prodotti użati fil-kostruzzjoni ta' barra, il-pontijiet u l-istrutturi ta' utilità esposti għal ambjenti ħorox bħall-indewwa, il-melħ, u t-temp estrem. L-ilment irrikonoxxa wkoll li l-SIRs, minkejja l-proċess speċifiku ta' galvanizzazzjoni tagħhom, huma funzjonalment u teknikament allinjati mal-prodotti koperti minn din l-investigazzjoni.

(25) Il-Kummissjoni enfasizzat li l-ilment kien jinkludi diversi standards (ISO, EN, DIN) li jiddefinixxu l-ispeċifikazzjonijiet mekkaniċi u materjali għall-viti tal-azzar, inkluż l-ISO 898, li jirregola l-proprjetajiet mekkaniċi tal-azzar. Filwaqt li Pretec enfasizza l-istandards tal-ISO bħall-ISO 10684 u l-ISO 1461 għas-SIRs, dawn ma jistabbilixxux kategorija ta' prodott separata. Standard ISO distint jirrifletti biss li SIRs jistgħu jirrappreżentaw varjant mhux standardizzat ta' viti mingħajr ras, mhux prodott fundamentalment differenti għall-finijiet ta' din l-investigazzjoni. Il-Kummissjoni osservat ukoll li d-dipendenza ta' Pretec fuq ir-rekwiżiti tekniċi bħas-saħħa tal-impatt (27 Joules f'temperatura ta' – 20 °C) u l-konformità mal-klassijiet ta' korružività C3 — C5 hija allinjata mal-ambitu usa' tal-investigazzjoni, peress li dawn il-kriterji huma konsistenti mal-prinċipji ġenerali tar-reżistenza għall-korrużjoni u l-prestazzjoni mekkanika deskritti fl-ilment.

(26) L-ambitu tal-prodott ta' din l-investigazzjoni kien jinkludi vireg bil-kamin u viti mingħajr ras, inklużi dawk iddisinjati għal applikazzjonijiet speċjalizzati, dment li jikkondividu karatteristiċi fiżiċi, tekniċi u funzjonali li jikkoinċidu. L-eżistenza ta' speċifikazzjonijiet tekniċi vinkolanti għal proġetti speċifiċi (eż., AMA Anläggning, rekwiżiti minn Vattenfall u Svenska Kraftnät) ma nnegatx l-interkambjabbiltà tas-SIRs ma' viti oħra mingħajr ras meta jissodisfaw kriterji ta' prestazzjoni ekwivalenti. Il-Kummissjoni nnotat ukoll li filwaqt li l-SIRs jistgħu jikkompetu ma' prodotti tal-azzar inossidabbli f'ċerti applikazzjonijiet, l-ilment jindirizza b'mod espliċitu tali kompetizzjoni, u l-esklużjoni tal-azzar inossidabbli mill-investigazzjoni ma tiġġustifikax l-esklużjoni ta' SIRs.

(27) Il-Kummissjoni rrikonoxxiet l-affermazzjoni ta' Pretec li s-SIRs ma jistgħux jinbidlu ma' viti iżgħar mingħajr ras minħabba differenzi fid-daqs, fil-kapaċità tal-ġarr tat-tagħbija, u fir-rekwiżiti tekniċi. Madankollu, il-viti, irrispettivament mid-daqs, spiss jaderixxu mal-prinċipji standard tal-inġinerija u jistgħu jaqdu rwoli mekkaniċi simili (eż. il-bering tat-tagħbija, l-irbit) fl-applikazzjonijiet jekk jissodisfaw il-kriterji xierqa tas-saħħa u tas-sikurezza. Il-Kummissjoni ma sabitx evidenza li l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tas-SIRs jagħmluhom kategorikament mhux interkambjabbli ma' prodotti oħra fil-kamp ta' applikazzjoni. Barra minn hekk, filwaqt li Pretec sostna li l-produtturi tal-Unjoni ma għandhomx il-kapaċità li jipprovdu SIRs li jissodisfaw l-istandards ISO, l-annessi tal-ilment u s-sottomissjonijiet ulterjuri kkonfermaw l-eżistenza tal-kapaċità tal-produzzjoni tal-Unjoni għal vireg bil-kamin galvanizzati b'banju sħun, li jissodisfaw l-istandards tal-ISO u ta' tulijiet akbar.

(28) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet deskritti hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li t-talba ta' Pretec għall-esklużjoni ta' SIRs mill-ambitu ta' din l-investigazzjoni hija mingħajr mertu u għalhekk miċħuda. L-ambitu tal-prodott, kif definit fl-ilment u l-annessi tiegħu ([5]), jinkludi SIRs minħabba t-trikkib tal-karatteristiċi tekniċi, funzjonali u regolatorji tagħhom ma' viti oħra mingħajr ras.

(29) Wara l-impożizzjoni ta' miżuri proviżorji, l-EIFI talab lill-Kummissjoni tinkludi vireg bil-kamin importati taħt il-kodiċi TARIC 7308 90 98 90 ([6]) u użati għall-gaġeġ tal-boltijiet tal-ankraġġ għall-ambitu tal-prodott tal-investigazzjoni, peress li dawn il-gaġeġ tal-boltijiet tal-ankraġġ ġew ikklassifikati ħażin. Skont l-EIFI, il-klassifikazzjoni ħażina tippermetti importazzjonijiet mhux dovuti ta' vireg bil-kamin Ċiniżi u timmina l-miżuri anti-dumping. Skont l-EIFI, gaġġa tal-boltijiet tal-ankraġġ hija magħmula primarjament minn viti b'saħħa għolja (ikklassifikati taħt il-kodiċi TARIC 7318 15 48 90), żewġ pjanċi tal-azzar (pjanċi tal-pedamenti u tad-distribuzzjoni), skorfini, woxers, u komponenti minuri oħra, li bħalissa qegħdin jiġu importati mhux assemblati. L-użu tal-kodiċi 7308 90 98 90 għall-klassifikazzjoni tal-gaġeġ tal-boltijiet tal-ankraġġ li jsiru b'vireg bil-kamin għalhekk ma jkunx korrett, peress li l-vireg imsemmija fid-deskrizzjoni tal-kodiċi ma humiex elementi ta' konnessjoni (bħal vireg bil-kamin), iżda vireg mhux bil-kamin sempliċi.

(30) L-ambitu tal-prodott ġie ddefinit fin-Notifika tal-bidu. Il-gaġeġ tal-boltijiet tal-ankraġġ ma kinux koperti mill-ilment u għalhekk l-industrija tal-Unjoni ma pprovdiet l-ebda evidenza ta' dumping u ta' dannu li jirriżulta li tiġġustifika investigazzjoni. Għalhekk, l-argument ġie miċħud.

(31) Wara d-divulgazzjoni definittiva, l-EIFI asserixxa li d-dazji jenħtieġ li jiġu applikati pro rata għas-sehem ta' vireg bil-kamin inklużi fi prodotti importati taħt NM 7308 90 98 (gaġeġ tal-boltijiet tal-ankra), peress li dawn il-vireg bil-kamin jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-investigazzjoni. L-EIFI ċċara li l-gaġeġ tal-boltijiet tal-ankraġġ, primarjament magħmula minn vireg bil-kamin, huma meħtieġa li jiġu kklassifikati taħt NM 7308 90 98 taħt l-Informazzjoni Tariffarja Vinkolanti eżistenti ([7]). Konsegwentement, il-parti pprovdiet evidenza li l-vireg bil-kamin jirrappreżentaw il-maġġoranza tal-piż u l-valur tal-gaġġa tal-ankraġġ.

(32) Alternattivament, l-EIFI argumenta li l-Kummissjoni allegatament żbaljat meta ċaħdet it-talba biex jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tal-prodott biex jinkludi NM 7308 90 98, li għalhekk għandha tiġi inkorporata fil-miżuri antidumping. Biex tappoġġa dan, il-parti kkwotat l-investigazzjoni anti-dumping dwar xkejjer u basktijiet ([8]), fejn prodotti kklassifikati taħt il-kodiċijiet NM li inizjalment ma kinux fil-mira fin-notifika ta' bidu rilevanti aktar tard ġew inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-proċediment.

(33) Vireg bil-kamin immuntati f'gaġeġ tal-boltijiet tal-ankra ma ġewx definiti fl-ambitu tal-ilment bħala prodotti soġġetti għal din l-investigazzjoni. Bħala tali, l-industrija tal-Unjoni ma ssottomettiet l-ebda evidenza ta' dumping jew dannu suffiċjenti biex tiġġustifika l-bidu ta' investigazzjoni dwar il-vireg bil-kamin immuntati fil-gaġeġ tal-boltijiet tal-ankraġġ. Barra minn hekk, il-partijiet interessati kollha kienu meħtieġa jippreżentaw informazzjoni dwar l-ambitu tal-prodott fi żmien 10 ijiem mill-pubblikazzjoni tan-Notifika ta' Bidu. Ma tressqet l-ebda talba bħal din sal-iskadenza, u ma ġiet ipprovduta l-ebda evidenza li turi li l-vireg bil-kamin fil-gaġeġ tal-boltijiet tal-ankraġġ jenħtieġ li jaqgħu taħt id-deskrizzjoni tal-prodott deskritta fl-ilment. Konsegwentement, dawn il-vireg bil-kamin ma ġewx inklużi fl-ambitu tal-investigazzjoni, u l-ebda informazzjoni (inklużi l-volumi u l-prezzijiet tal-importazzjoni mill-pajjiż ikkonċernat, l-ishma mis-suq, l-indikaturi rilevanti l-oħra kollha tad-dannu, l-użu downstream u s-sitwazzjoni ta' tali utenti, eċċ.) ma nġabret u ġiet analizzata fir-rigward tagħhom. Filwaqt li l-parti rreferiet għall-investigazzjoni dwar l-ixkejjer u l-basktijiet ([9]), fejn prodotti li ma kinux fil-mira inizjalment ġew inklużi aktar tard minħabba li ssodisfaw id-deskrizzjoni tal-prodott, instab li dan il-każ kien differenti. Fl-investigazzjoni attwali, il-vireg bil-kamin fil-gaġeġ tal-boltijiet ankri ma kinux jissodisfaw id-deskrizzjoni tal-prodott ipprovduta fl-ilment u għalhekk ma kinux koperti minn din l-investigazzjoni. Għalhekk, il-pretensjoni tal-parti ġiet miċħuda.

([5]) Il-fajl TRON nru t24.008386 tad-9.10.2024.

([6]) Kodiċi TARIC 7308 90 98 90 "Strutturi (ħlief bini prefabbrikat tal-intestatura 9406) u parts ta' strutturi (eż. pontijiet u qatgħat ta' pontijiet, xtiebi tal-mgħalaq (lock-gates), torrijiet, arbli kannizzata, soqfa, oqfsa għal tisqif, bibien u twieqi u l-gwarniċi tagħhom u s-sollijiet għal bibien, shutters, balavostri, pilastri u kolonni), tal-ħadid jew tal-azzar; pjanċi, vireg, angoli, forom, sezzjonijiet, tubi u bħalhom, ippreparati għal użu fi strutturi, tal-ħadid jew tal-azzar".

([7]) Referenza għall-BTI: ESBTIESBTI2024SOL550, fis-sit https://ec.europa.eu/taxation_customs/dds2/ebti/ebti_home.jsp?Lang=en.

([8]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1950/97 tas-6 ta' Ottubru 1997 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' xkejjer u basktijiet magħmulin minn polietilen jew polipropilen li joriġinaw mill-Indja, l-Indonezja u t-Tajlandja u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost (ĠU L 276, 9.10.97, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1997/1950/oj) ur-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2003/97 tat-13 ta' Ottubru 1997 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' xkejjer u basktijiet tal-poliolefin minsuġa li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU L 284, 16.10.1997, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1997/2003/oj).

([9]) ĠU L 276, 9.10.97, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1997/1950/oj.

(34) Importatur (Kohlhage) talab lill-Kummissjoni tikkunsidra d-distinzjoni bejn prodotti u metodi ta' produzzjoni differenti, billi argumenta li ċerti prodotti jirrikjedu passi addizzjonali, bħall-ġbid ta' wajers, il-formazzjoni kiesħa tal-bolt, it-tidwir parzjali tal-kamin tal-bolt, il-karatteristiċi personalizzati tal-immaxinjar fuq il-bolt, kif ukoll il-kisi bil-ħadid taż-żingu. Il-produzzjoni ta' dawn il-prodotti ssir b'kostijiet ogħla b'mod sinifikanti meta mqabbla mal-vireg u l-istuds bil-kamin investigati, minkejja li huma kklassifikati taħt l-istess kodiċi doganali. L-importatur argumenta li prodotti bħal dawn għandhom jiġu esklużi mill-ambitu tal-prodott, u sostna li l-Kummissjoni ma pprovdietx kalkolu ta' tqabbil jew evidenza ta' dumping għal dawn it-tipi ta' prodotti distinti.

(35) Il-fatt li l-produzzjoni tal-prodott tista' ssir bl-użu ta' proċessi ta' manifattura differenti ma huwiex rilevanti fih innifsu għad-definizzjoni tal-ambitu ta' prodott li qiegħed jiġi investigat. F'dan il-każ, l-istadji ta' produzzjoni addizzjonali msemmija mill-importatur kienu diġà deskritti fl-ilment oriġinali. Barra minn hekk, l-investigazzjoni kkonfermat li l-prodotti importati għandhom karatteristiċi fiżiċi u tekniċi simili, u użi finali bażiċi. Il-karatteristiċi speċifiċi li jiddistingwu l-prodotti li qegħdin jiġu investigati (eż. kisi u varjazzjonijiet oħra) diġà jitqiesu fit-tipi ta' prodotti rrapportati mill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun, li għalihom jiġu kkalkolati l-marġnijiet tad-dumping.

(36) Barra minn hekk, il-Kummissjoni għamlet tqabbil bejn it-tipi ta' prodotti fil-livell tan-numru ta' kontroll tal-prodott (PCN, Product Control Number), li kien jinkludi l-karatteristiċi ewlenin għal kull tip ta' prodott u għalhekk jiddistingwi bejn id-differenzi rilevanti għall-kost u l-prezz tad-diversi tipi ta' prodotti.

(37) Għalhekk, ma hemm l-ebda ġustifikazzjoni għall-esklużjoni tat-tipi ta' prodotti mmanifatturati b'kostijiet ferm ogħla mill-investigazzjoni. Għaldaqstant, din l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

3. **DUMPING**

3.1. **Proċedura għad-determinazzjoni tal-valur normali skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku**

(38) Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda kumment dwar il-proċedura għad-determinazzjoni tal-valur normali f'dan il-każ skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku.

(39) Is-sejbiet proviżorji tal-Kummissjoni fil-premessi (32) sa (44) tar-Regolament proviżorju għalhekk huma kkonfermati.

3.1.1. *Eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti*

(40) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment, is-sejbiet fit-Taqsima 3.2.1 tar-Regolament proviżorju huma kkonfermati.

3.1.2. *Pajjiż rappreżentattiv*

(41) Wara l-pubblikazzjoni tar-Regolament proviżorju, Chinafar Group, Junyue, Brother Group u EFDA tennew l-affermazzjonijiet tagħhom li l-Malażja kellha tintgħażel bħala pajjiż rappreżentattiv minflok it-Tajlandja, filwaqt li tennew li i) id-data tal-importazzjoni tal-Malażja kienet aktar affidabbli mid-data tal-importazzjoni tat-Tajlandja u li ii) il-kumpaniji tal-Malażja identifikati kienu aktar affidabbli u rappreżentattivi meta mqabbla ma' dawk tat-Tajlandja. L-affermazzjonijiet dettaljati huma stabbiliti fit-Taqsimiet 3.1.3 sa 3.1.8 hawn taħt.

(42) Brother Group u l-EFTA sostnew ukoll li, kieku l-Kummissjoni wettqet valutazzjoni tal-livell u tal-protezzjoni ambjentali, dan kien juri li r-rekord tat-Tajlandja kien inqas favorevoli minn dak tal-Malażja.

(43) Peress li l-Kummissjoni għażlet lit-Tajlandja bħala l-pajjiż rappreżentattiv xieraq, ma kienx hemm bżonn li titwettaq valutazzjoni bħal din f'konformità mal-aħħar sentenza tal-Artikolu 2(6a)(a), l-ewwel inċiż tar-Regolament bażiku.

(44) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, is-sejbiet proviżorji tal-Kummissjoni fil-premessi (90) sa (149) għalhekk huma kkonfermati.

3.1.3. *Materja prima*

(45) Dwar il-kwalità tad-data dwar l-importazzjoni tal-fatturi ta' produzzjoni, Chinafar Group, Junyue, Brother Group u EFDA rrepetew l-istess argumenti sottomessi wara l-pubblikazzjoni taż-żewġ noti fil-fajl dwar is-sorsi għad-determinazzjoni tal-valur normali, bl-argument li l-kwalità tad-data dwar l-importazzjoni faċilment disponibbli għal kull kodiċi tas-Sistema Armonizzata (kodiċi SA) għat-Tajlandja ma kinitx ta' kwalità ogħla minn tal-Malażja u li minflok għandha tintgħażel bħala pajjiż rappreżentattiv. Il-partijiet ma ppreżentaw l-ebda evidenza ġdida u lanqas argumenti biex jappoġġaw id-dikjarazzjonijiet tagħha u għalhekk ir-raġunijiet u l-konklużjonijiet fil-premessi (97) sa (145) tar-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati u s-sottomissjonijiet ġew miċħuda.

(46) Brother Group u Junyue argumentaw li l-pajjiż rappreżentattiv ma għandux jintgħażel abbażi tal-fatt li huwa l-akbar pajjiż importatur tal-fatturi ewlenin tal-produzzjoni f'termini ta' kwantità fost il-pajjiżi potenzjali kollha.

(47) Il-Kummissjoni bbażat l-għażla tagħha tal-pajjiż rappreżentattiv fuq valutazzjoni bbilanċjata tal-eżistenza ta' data rilevanti disponibbli faċilment għall-materja prima ewlenija, li ġiet stabbilita fil-premessi (106) sa (109) tar-Regolament proviżorju. Il-Kummissjoni ma kkunsidratx biss il-volum assolut tal-importazzjonijiet, iżda wkoll l-eżistenza ta' importazzjonijiet miċ-Ċina u mill-pajjiżi elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2015/755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([10]) u l-impatt tagħhom fuq il-prezz tal-importazzjoni medju. Għalhekk, l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(48) Barra minn hekk, Brother Group argumenta li l-fatt li l-prezz tal-importazzjoni tal-materja prima minn sorsi oħra f'pajjiż kien simili għall-prezz tal-importazzjoni miċ-Ċina mhuwiex fih innifsu konklużiv li dak il-prezz huwa influwenzat mill-importazzjonijiet Ċiniżi. Billi dawn il-fatturi tal-produzzjoni kollha huma materjali tal-azzar tal-komoditajiet innegozjati b'mod mifrux fis-suq globali, huwa fatt stabbilit li l-prezzijiet tal-importazzjoni f'diversi pajjiżi jew reġjuni jkunu simili u komparabbli.

(49) Biex jiġi evitat l-impatt tad-distorsjonijiet sinifikanti Ċiniżi f'pajjiż rappreżentattiv potenzjali, il-Kummissjoni kkunsidrat l-effetti possibbli tal-importazzjonijiet Ċiniżi fil-pajjiż rappreżentattiv potenzjali. Wieħed mill-elementi li jitqies huwa s-similarità tal-prezzijiet tal-importazzjoni minn sorsi oħra minbarra ċ-Ċina. Madankollu, dan ma huwiex kriterju awtonomu iżda għandu jitqies flimkien mal-fatti l-oħra kollha tal-każ. Il-Kummissjoni ċaħdet l-affermazzjoni.

(50) Wara d-divulgazzjoni definittiva, Brother Group u Junyue tennew li l-għażla tal-Kummissjoni tal-pajjiż rappreżentattiv kienet ibbażata fuq qari selettiv tal-istatistika dwar l-importazzjoni u fuq dipendenza żejda fuq il-kriterju tal-volum tal-importazzjoni. Din l-affermazzjoni kienet diġà indirizzata fil-premessi (47) – (49) hawn fuq u ma ġie ppreżentat l-ebda argument jew evidenza ġdida. Għalhekk, din l-affermazzjoni kienet rifjutata.

(51) Chinafar Group sostna li l-fattur tal-produzzjoni importat taħt il-kodiċi SA 7213 91 għandu jkun il-kunsiderazzjoni primarja fl-għażla tal-pajjiż rappreżentattiv, peress li dan kien il-materja prima ewlenija użata fil-produzzjoni tal-prodott li qiegħed jiġi investigat. Chinafar Group sostna li l-Malażja għandha tintuża bħala l-pajjiż rappreżentattiv, peress li l-importazzjonijiet miċ-Ċina taħt il-kodiċi SA 7213 91 kienu jirrappreżentaw 30 % tal-importazzjonijiet totali tat-Tajlandja ta' dan il-fattur ta' produzzjoni, filwaqt li kienu jirrappreżentaw biss 9 % tal-importazzjonijiet totali tal-Malażja.

(52) Kif imsemmi fil-premessa (126) tar-Regolament proviżorju, għall-kodiċi SA 7213 91 l-importazzjonijiet totali minn sorsi mingħajr distorsjoni kienu sinifikanti fit-tliet pajjiżi kollha li ntagħżlu inizjalment, bit-Tajlandja jkollha l-ogħla kwantitajiet assoluti ta' importazzjonijiet minn pajjiżi għajr iċ-Ċina u pajjiżi elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2015/755. Għal dan il-kodiċi SA, il-prezz medju tal-importazzjoni minn sorsi oħra kemm fit-Tajlandja kif ukoll fit-Turkija kien madwar 2 % ogħla mill-prezz tal-importazzjoni miċ-Ċina u mill-pajjiżi elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2015/755, filwaqt li l-prezz medju tal-importazzjoni minn sorsi oħra fil-Malażja kien 5 % aktar baxx mill-prezz miċ-Ċina u mill-pajjiżi elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2015/755.

([10]) Ir-Regolament (UE) 2015/755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar regoli komuni għall-importazzjonijiet minn ċerti pajjiżi terzi (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 33, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2015/755/oj).

(53) Abbażi tal-volum ta' importazzjonijiet sinifikanti minn sorsi mingħajr distorsjoni u l-impatt limitat tal-importazzjonijiet miċ-Ċina u mill-pajjiżi elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2015/755 fuq il-prezz tal-importazzjoni medju, il-Kummissjoni qieset lit-Tajlandja bħala parametru referenzjarju affidabbli u rappreżentattiv għal dan il-fattur ta' produzzjoni. Għalhekk, l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(54) Wara l-pubblikazzjoni tar-Regolament proviżorju, Chinafar Group, Junyue, Brother Group u EFDA tennew l-affermazzjonijiet tagħhom li, jekk it-Tajlandja tinżamm bħala pajjiż rappreżentattiv, il-Malażja għandha tintuża bħala l-pajjiż ta' riferiment għal xi materja prima u fi kwalunkwe każ l-importazzjonijiet mill-Ġappun lejn it-Tajlandja għandhom jiġu esklużi minħabba l-fatt li dawn jikkonsistu fi prodotti speċjali ta' grad awtomobilistiku li ma humiex rappreżentattivi għall-kostruzzjoni tal-prodott taħt il-valur normali tal-investigazzjoni.

(55) Brother Group u EFDA affermaw li l-prezzijiet tal-importazzjoni lejn it-Tajlandja tal-fatturi tal-produzzjoni kklassifikati taħt il-kodiċijiet SA 7213 99 u 7214 99 ma kinux affidabbli, minħabba l-proporzjon għoli u l-importazzjonijiet bi prezz għoli mill-Ġappun, u għalhekk il-Malażja, jew inkella t-Turkija, għandhom jintużaw bħala pajjiż ta' riferiment. Brother Group argumenta wkoll li l-prezz tal-importazzjoni għall-kodiċi SA 7213 99 kien ogħla b'mod sinifikanti minn dak ta' SA 7213 91, minkejja l-fatt li ż-żewġ fatturi tal-produzzjoni kienu differenti biss għad-dijametru trażversali tal-vireg, u ogħla b'mod sinifikanti minn dak tal-kodiċi SA 7227 90, li kien azzar illigat. Fuq il-bażi ta' għarfien industrijali komuni, l-azzar illigat tipikament ikun jiswa aktar flus mill-azzar mhux illigat. Brother Group u EFDA laħqu konklużjonijiet simili għall-kodiċi SA 7214 99 meta mqabbla mal-kodiċi SA 7228 30.

(56) L-ewwel nett, il-Kummissjoni diġà spjegat fil-premessi (132) sa (134) tar-Regolament proviżorju għaliex ma qisitx li huwa xieraq li teskludi l-importazzjonijiet mill-Ġappun mill-kalkolu tal-parametru referenzjarju. Anki jekk xi whud mill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun setgħu ma pproduċewx jew ma bigħux viti ta' grad speċjali, il-Kummissjoni kkonfermat is-sejba proviżorja tagħha li l-ebda waħda mill-partijiet ma ppreżentat evidenza tal-iskala tal-importazzjonijiet Ġappuniżi lejn it-Tajlandja ta' materja prima maħsuba għall-produzzjoni ta' viti mhux standard għal setturi speċjalizzati, li tiġġustifika l-esklużjoni ta' dawn l-importazzjonijiet mill-parametri referenzjarji tal-materja prima.

(57) It-tieni, il-Kummissjoni nnotat li l-prezzijiet bejn kodiċijiet SA differenti ma setgħux jitqiesu direttament komparabbli minħabba t-taħlita tal-prodotti f'dawn il-kodiċijiet. Bħala eżempju, id-differenza fil-prezz tal-importazzjoni bejn il-kodiċijiet SA 7213 91 u 7213 99 ma kinitx limitata għad-dijametru trażversali iżda kienet attribwibbli wkoll għal kontenut ogħla ta' karbonju u l-preżenza ta' elementi ta' liġar fil-kodiċi SA 7213 99.

(58) Il-fatt li taħt kodiċi doganali xi materja prima kienet ta' grad aħjar u għalhekk tiswa aktar flus ma kienx biżżejjed biex tiġi kkontestata l-affidabbiltà tal-parametru referenzjarju.

(59) Wara d-divulgazzjoni definittiva, Brother Group, Junyue u EFDA tennew li l-parametri referenzjarji għal ċerta materja prima tal-azzar kienu influwenzati mill-prezzijiet għoljin tal-importazzjonijiet mill-Ġappun lejn it-Tajlandja maħsuba għall-produzzjoni ta' viti ta' grad speċjali mhux standard għal setturi speċjalizzati.

(60) Huma argumentaw li dan kien ikkorroborat mill-istatistika żvelata mill-Kummissjoni nnifisha, li turi li porzjon sinifikanti ta' din il-materja prima li toriġina mill-Ġappun kellha livelli ta' prezzijiet sostanzjalment ogħla minn dawk minn pajjiżi oħra, u mill-preżenza sinifikanti ta' manifatturi ta' qfieli li huma proprjetà tal-Ġappun fit-Tajlandja.

(61) Brother Group sostna wkoll li l-produtturi esportaturi Ċiniżi tal-prodott li qed jiġi investigat ma kinux jeħtieġu din il-materja prima estremament għalja peress li ma kinux qed ifornu speċifikament applikazzjonijiet ta' livell għoli, bħal dawk fl-industrija awtomobilistika jew fis-settur taż-żejt u tal-gass.

(62) Il-Kummissjoni diġà stabbiliet fil-premessi (132) sa (134) tar-Regolament provviżorju r-raġunijiet għaliex iddeċidiet li tinkludi l-importazzjonijiet Ġappuniżi fil-kalkolu tal-parametri referenzjarji tal-materja prima u ma tressaq l-ebda argument jew evidenza ġdida f'dan ir-rigward. Fil-fatt, il-Kummissjoni sabet li kemm il-viti ta' grad standard kif ukoll dawk ta' grad speċjali setgħu jintużaw f'setturi speċjalizzati, b'mod partikolari s-settur awtomobilistiku, u fi kwalunkwe każ l-investigazzjoni kopriet kemm il-viti standard kif ukoll dawk mhux standard. Barra minn hekk, filwaqt li l-istatistika dwar l-importazzjonijiet ġenerali mill-Ġappun kienet disponibbli, ma ġiet ippreżentata l-ebda evidenza sostantiva tal-preżenza speċifika ta' azzar ta' grad speċjalizzat f'viti standard jew mhux standard.

(63) Il-Kummissjoni nnotat ukoll li diversi produtturi esportaturi Ċiniżi li ppreżentaw il-liċenzja tan-negozju tagħhom u l-Artikolu ta' Assoċjazzjoni tagħhom kellhom il-produzzjoni tal-elementi tal-irbit għas-settur awtomobilistiku fl-ambitu tan-negozju tagħhom. Bl-istess mod, fost il-produtturi esportaturi fil-kampjun, kien hemm produzzjoni ta' vireg bil-kamin b'saħħa għolja għal setturi speċjalizzati, bħal żoni taż-żejt u pipelines taż-żejt offshore, tagħmir u manutenzjoni tal-bastimenti, u inġinerija tal-kostruzzjoni.

(64) Brother Group ikkontesta l-affermazzjoni tal-Kummissjoni li d-differenza fil-prezz tal-importazzjoni bejn il-kodiċijiet HS 7213 91 u 7213 99 ma kinitx dovuta biss għad-dijametru tas-sezzjoni trażversali iżda kienet attribwibbli wkoll għal kontenut ogħla ta' karbonju u l-preżenza ta' elementi permessi fil-kodiċi HS 7213 99.

(65) Brother Group argumenta li jekk l-allegat kontenut ta' karbonju jew elementi ta' lligar kienu jeżistu u kienu responsabbli għall-prezz ogħla b'mod sinifikanti tat-taħlita tal-prodott taħt 7213 99, dan waħdu jagħmel it-taħlita tal-prodott mhux rappreżentattiva tat-tip ta' materjal li l-produtturi Ċiniżi tipikament użaw.

(66) Is-sejba tal-Kummissjoni kienet ibbażata fuq evidenza miġbura matul iż-żjarat ta' verifika fil-bini tal-produtturi esportaturi Ċiniżi inklużi fil-kampjun, b'mod aktar speċifiku fuq iċ-ċertifikati tal-azzar li jindikaw il-kompożizzjoni kimika tal-materja prima differenti użata mill-produtturi esportaturi Ċiniżi. L-analiżi taċ-ċertifikati wriet li kien hemm differenzi bejn il-materja prima tal-azzar f'termini ta' kontenut ta' karbonju u l-preżenza ta' elementi ta' lligar.

(67) L-affermazzjonijiet ġew għalhekk miċħuda u fin-nuqqas ta' kummenti oħra, is-sejbiet fil-premessi (153) sa (163) tar-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati.

3.1.4. *Manodopera*

(68) Wara l-pubblikazzjoni tar-Regolament proviżorju, Chinafar tenniet l-affermazzjoni tagħha li l-parametru referenzjarju għax-xogħol għandu jiġi kkalkolat abbażi tal-kost lavorattiv annwali fil-pajjiż rappreżentattiv diviż bin-numru ta' siegħat annwali ta' ħidma f'Chinamar u mhux fil-pajjiż rappreżentattiv.

(69) Il-Kummissjoni spjegat fil-premessa (169) tar-Regolament proviżorju r-raġuni wara l-kalkolu tal-parametru referenzjarju tax-xogħol u għaliex hija ċaħdet l-approċċ propost minn Chinafar. Madankollu, Chinafar ma pprovdiet l-ebda argument jew evidenza addizzjonali biex tappoġġa l-affermazzjoni tagħha. Għalhekk, l-affermazzjoni hija miċħuda.

(70) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra, il-konklużjonijiet fil-premessi (165) sa (169) tar-Regolament proviżorju huma kkonfermati.

3.1.5. *Elettriku*

(71) Wara l-pubblikazzjoni tar-Regolament proviżorju, Brother Group u EFDA affermaw li l-kost mingħajr distorsjoni tal-elettriku kien ġie kkalkolat b'mod żbaljat. Huma affermaw li l-Kummissjoni (i) applikat ħażin imposta ta' aġġustament tal-enerġija bħala indiċi ta' aġġustament 'il fuq minflok ma żiedet il-valur assolut tagħha fl-imposta bażi, (ii) perjodu tariffarju fiss ikklassifikat ħażin bħala perjodu ta' konsum massimu u (iii) għamlet għadd doppju tat-tariffa għas-servizzi u tat-tariffi għad-domanda.

(72) Wara li vvalutat l-affermazzjonijiet, il-Kummissjoni aċċettat tnejn minnhom, jiġifieri l-affermazzjonijiet li jikkonċernaw (i) l-applikazzjoni tat-tariffa ta' aġġustament tal-enerġija u (iii) l-għadd doppju tat-tariffa għas-servizzi u t-tariffi għad-domanda. Għaldaqstant, il-Kummissjoni rrevediet il-parametru referenzjarju tal-elettriku.

(73) Il-Kummissjoni ċaħdet l-affermazzjoni li l-klassifikazzjoni tal-perjodu tariffarju fiss bħala l-perjodu tariffarju massimu kienet ħażina. Fil-fatt, il-produtturi Ċiniżi rrapportaw il-konsum tal-elettriku tagħhom f'ħames kategoriji ta' tariffi differenti: ġenerali, ċatta, massima, baxxa u għolja. Madankollu, hemm biss żewġ kategoriji ta' tariffi differenti għall-elettriku fil-pajjiż rappreżentattiv skont il-ħin tal-konsum: l-ogħla livell u mhux fl-ogħla livell. . Fil-klassifikazzjoni tagħha, il-Kummissjoni nnotat li r-rata fissa medja rrapportata mill-produtturi Ċiniżi kienet aktar simili għar-rati massimi u b'hekk użat it-tariffi massimi fil-pajjiż rappreżentattiv bħala parametru referenzjarju għall-konsum irrapportat bħala ġenerali, ċatt, għoli u għoli u użat it-tariffa mhux fl-ogħla livell bħala parametru referenzjarju għall-konsum irrapportat bħala baxx. Il-Brother Group ma ssottometta l-ebda evidenza li tappoġġa l-asserzjoni li l-konsum ċatt għandu jiġi kkunsidrat bħala mhux fl-ogħla livell minflok konsum fl-ogħla livell. Għalhekk, tqies aktar xieraq li t-tariffa fissa tiġi kklassifikata bħala r-rata massima.

3.1.6. *Gass naturali*

(74) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment, is-sejbiet fil-premessa (175) tar-Regolament proviżorju huma kkonfermati.

3.1.7. *Prodotti sekondarji*

(75) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment, is-sejbiet fil-premessa (176) tar-Regolament proviżorju huma kkonfermati.

3.1.8. *Kostijiet tal-bejgħ, ġenerali u amministrattivi (SG&A, Selling, General and Administrative Costs) u profitti*

(76) Wara l-pubblikazzjoni tar-Regolament proviżorju, Chinafar Group, Junyue, Brother Group u EFDA tennew li l-kumpaniji identifikati tal-Malażja kienu aktar affidabbli u rappreżentattivi meta mqabbla ma' dawk tat-Tajlandja.

(77) Fir-rigward tar-rappreżentattività tal-kumpaniji fil-Malażja, il-Kummissjoni diġà spjegat fil-premessi (143) u (144) tar-Regolament proviżorju għaliex ma qisitx tnejn mit-tliet kumpaniji fil-Malażja bħala parametri referenzjarji aktar affidabbli u rappreżentattivi mill-kumpaniji fit-Tajlandja.

(78) Wara l-impożizzjoni ta' miżuri proviżorji, Brother Group, Junyue u Chinafar Group affermaw li l-Kummissjoni għamlet żball meta skwalifikat lill-kumpanija Malażjana Tong Herr Fasteners Co. Sdn. Bhd. ("Tong Herr") bħala kumpanija xierqa. Junygue sostniet li r-rapport tal-introjtu ta' Tong Herr wera li l-kumpanija kienet profittabbli fl-2024, filwaqt li Brother Group afferma li l-Kummissjoni setgħet tiddependi biss fuq waħda mis-sentejn finanzjarji li jikkoinċidu mal-perjodu ta' investigazzjoni.

(79) Il-Kummissjoni nnotat li Junyue ppreżentat ir-rapport tal-introjtu korporattiv għal Tong Herr Resources Bhd., minflok għal Tong Herr, id-diviżjoni tal-grupp li timmanifattura l-irbit. B'riżultat ta' dan, din l-informazzjoni ma setgħetx tintuża bħala evidenza biex jintwera li d-diviżjoni kienet profittabbli fl-2024.

(80) Għalhekk, l-affermazzjoni li l-kumpaniji fil-Malażja identifikati kienu aktar affidabbli u rappreżentattivi meta mqabbla ma' dawk tat-Tajlandja ġiet miċħuda.

(81) Wara l-pubblikazzjoni tar-Regolament proviżorju, Chinafar Group, Junyue, Brother Group, u EFDA affermaw li l-parametru referenzjarju tat-Tajlandja għal SG&A u l-profitti kienu għoljin b'mod mhux raġonevoli minħabba li l-Kummissjoni bbażat biss fuq żewġ kumpaniji, Sanwa Iron (Thailand) Company Ltd. u Thai Meira Co, Ltd, u minħabba li dan il-kampjun kien affettwat mill-marġni ta' profitt eċċessiv ta' dawn tal-aħħar, li ma kienx rappreżentattiv tal-livell normali tal-profitt fis-settur tal-manifattura.

(82) Chinafar Group u Junyue tennew il-kummenti tagħhom li saru fi stadju proviżorju li dan il-profitt għoli mhux rappreżentattiv kien minħabba li l-mudell kummerċjali ta' Thai Meira kien iffukat fuq il-manifattura ta' rbit speċjalizzat u ta' livell għoli. Huma ppreżentaw ukoll li sehem żgħir biss tal-produzzjoni ta' Thai Meira kien irrappreżentat minn viti mingħajr irjus, u dan għamel lill-kumpanija mhux adegwata għall-kalkolu tal-parametru referenzjarju għal SG&A u l-profitt.

(83) L-ewwel nett, il-Kummissjoni diġà spjegat fil-premessa (139) tar-Regolament proviżorju li ma kien hemm l-ebda evidenza li l-profittabbiltà tal-bejgħ fis-setturi speċjalizzati kienet ogħla mill-bejgħ lil setturi oħra.

(84) It-tieni, il-Kummissjoni ma setgħetx tidentifika xi kumpaniji li pproduċew esklużivament il-prodott li qiegħed jiġi investigat u konsegwentement kellha tirrikorri għal kumpaniji li jipproduċu firxa usa' ta' prodotti, inkluż il-prodott li qiegħed jiġi investigat. Dan kien japplika għal Thai Meira u għall-produttur l-oħra kollha fit-Tajlandja kif ukoll fil-Malażja. Il-fatt li Thai Meira pproduċiet prodotti oħra minbarra l-prodott li qiegħed jiġi investigat ma kienx ta' ħsara għall-adegwatezza tagħha bħala kumpanija rappreżentattiva għad-determinazzjoni ta' parametru referenzjarju għall-profitti u l-SG&A. L-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(85) Chinafar Group argumenta li l-kumpanija Tajlandiża S.J. Screws Co. Ltd. tqieset bħala kumpanija rappreżentattiva f'investigazzjoni anti-dumping preċedenti dwar ċertu rbit tal-ħadid jew tal-azzar, li huwa prodott simili għall-prodott ikkonċernat.

(86) Il-perjodu ta' investigazzjoni fl-investigazzjoni dwar ċertu rbit tal-ħadid jew tal-azzar li joriġina miċ-Ċina kien mill-1 ta' Lulju 2019 sat-30 ta' Ġunju 2020. Kwalunkwe sejba f'dak il-każ seħħet qabel il-perjodu kkunsidrat fl-investigazzjoni kurrenti. Fl-investigazzjoni kurrenti, il-Kummissjoni sabet li S.J. Screws Co. Ltd. kienet kumpanija li tinnegozja, u mhux li tipproduċi l-prodott li qiegħed jiġi investigat u għalhekk ma setgħetx titqies għad-determinazzjoni ta' parametru referenzjarju għall-SG&A u l-profitt.

(87) Chinafar Group, Junyue, Brother Group u EFDA affermaw li l-Kummissjoni għandha mill-inqas iżżid in-numru ta' kumpaniji mit-Tajlandja inklużi fil-ġabra ta' kumpaniji użati għall-kalkolu tal-SG&A u l-profitt sabiex iżżid ir-rappreżentattività u l-affidabbiltà tagħha.

(88) Junyue ppreżenta informazzjoni faċilment disponibbli ta' 19 kumpanija Tajlandiża addizzjonali miksuba mill-bażi tad-data tal-Maħżen tad-Data dwar l-Iżvilupp tan-Negozju tad-Dipartiment tal-Gvern Tajlandiż ([11]), li pprovdiet informazzjoni disponibbli għall-pubbliku dwar il-kumpaniji fit-Tajlandja.

(89) Brother Grupp u EFDA pproponew li jinkludu żewġ kumpaniji addizzjonali: Tycoon Worldwide Group u Thaisin Metal Industries Co., Ltd.

(90) EFDA u Chinafar Group talbu lill-Kummissjoni tikkunsidra mill-ġdid il-ħames kumpaniji diġà identifikati fil-premessa (140) tar-Regolament proviżorju. Huma kkontestaw id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li teskludi dawn il-kumpaniji abbażi tal-livell ta' profitt baxx tagħhom. Fil-fehma tagħhom, din id-deċiżjoni kienet arbitrarja u mhux ġustifikata.

(91) Wara li analizzat id-data finanzjarja faċilment disponibbli tal-kumpaniji proposti mill-esportaturi Ċiniżi, il-Kummissjoni aċċettat l-affermazzjoni fir-rigward taż-żieda fl-għadd ta' kumpaniji mit-Tajlandja li għandhom jiġu inklużi fil-grupp ta' kumpaniji li għandhom jintużaw għall-kalkolu tal-SG&A u l-profitt. B'riżultat ta' dan, il-Kummissjoni inkludiet tliet kumpaniji addizzjonali, Thaisin Metal Industries Co., Ltd., Boonsan Fastener Limited Partnership, Yahata Fastener Thai Co., Ltd., li kkonformaw mal-istess kriterji użati biex intgħażlu Sanwa Iron (Thailand) Company Ltd. u Thai Meira Co, Ltd.

(92) Il-Kummissjoni ma qisitx il-kumpaniji l-oħra proposti minn Junyue għar-raġunijiet li ġejjin:

1) Fil-bażi tad-data Orbis, dawn ġew identifikati bħala negozjanti bl-ingrossa u bl-imnut ([12]).

2) Il-profitt medju ponderat tagħhom matul l-2023 u l-2024 wera telf jew l-ebda profitt ([13]).

3) Dawn urew livelli anormali ta' SG&A (minn 58 % sa 89 %) ([14]).

4) Abbażi tas-sit web tagħhom, dawn ma pproduċewx il-prodott li qiegħed jiġi investigat ([15]).

(93) Il-Kummissjoni kkonfermat id-deċiżjoni li ma jiġix inkluż Tycoon Worldwide Group, peress li l-profitt medju ponderat tiegħu matul l-2023 u l-2024 wera telf.

(94) Il-Kummissjoni kkonfermat id-deċiżjoni tagħha li teskludi l-ħames kumpaniji identifikati fil-premessa (140) tar-Regolament proviżorju, abbażi tal-livell ta' profitt baxx tagħhom (0,35 % sa 1,31 %), li tqies li ma kienx livell raġonevoli ta' profitt skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, meta jitqies li kienu qed joperaw qrib il-punt ta' ekwilibriju.

(95) Bħala riżultat, l-SG&A, espressi bħala perċentwal tal-Kostijiet tal-Prodotti Mibjugħa ("COGS", Costs of Goods Sold) u applikati għall-kostijiet tal-produzzjoni mingħajr distorsjoni, żdiedu minn 8 % għal 9,6 %. Il-profitt espress bħala perċentwal tas-COGS u applikat għall-kostijiet tal-produzzjoni mingħajr distorsjoni naqas minn 21,2 % għal 14,8 %.

([11]) https://datawarehouse.dbd.go.th/index, ikkonsultata l-aħħar fit-23 ta' Lulju 2025.
([12]) Bangkok Fastener and Supply Co., Ltd., Bee Fastener Co., Ltd., Clarendon Specialty Fasteners u S. J. Screwthai Company Limited.
([13]) Hitech Fastener Manufacture (it-Tajlandja) Co. Ltd., Mkt Fastener (it-Tajlandja) Company Limited, Tong Heer Fasteners (it-Tajlandja) Company Limited, Ty Union Fasteners Company Limited u Bangkok Fastening Company Limited.
([14]) IT Fasteners Limited Partnership, S.K.M. Fasteners Co., Ltd.
([15]) Taiyo Fastener (Thailand) Co., Ltd, Topy Fasteners (Thailand) Ltd., Sangthong Salakphan Company Limited, Thai Mangkol Fasteners Company Limited u Mongkol Fasteners & Parts Co., Ltd.

(96) Wara d-divulgazzjoni definittiva, Brother Group u Junyue tennew l-affermazzjoni li l-kumpaniji Malasjani identifikati kienu aktar affidabbli u rappreżentattivi minn dawk mit-Tajlandja. It-tnejn li huma ma qablux mad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiskwalifika lil Tong Herr. Brother Group issottometta r-rapport tal-introjtu tal-2024 ta' din il-kumpanija li juri profitt medju ponderat pożittiv matul l-2023 u l-2024. Junyue sostna wkoll li l-Kummissjoni injorat kompletament iż-żewġ kumpaniji Malasjani l-oħra, Chin Well u Sanwa Iron (il-Malażja), fl-analiżi tagħha.

(97) Il-Kummissjoni sabet li r-rapporti tal-introjtu għal Tong Herr kemm fl-2023 kif ukoll fl-2024 kienu jinkludu ċertu ammont ta' introjtu ieħor, jiġifieri ta' introjtu għajr dħul mill-bejgħ. Il-prattika tal-Kummissjoni hija li ma tqisx dan il-komponent tal-introjtu meta tikkalkula l-proporzjonijiet tal-profitt u tal-SG&A. It-tneħħija tal-introjtu l-ieħor mill-kalkolu tirriżulta f'telf għas-sentejn li huma.

(98) Il-Kummissjoni stabbiliet ir-raġunijiet fil-premessa (144) tar-Regolament provviżorju għaliex ma qisitx lil Chin Well aktar affidabbli u rappreżentattiva għad-determinazzjoni tal-SG&A u l-proporzjonijiet tal-profitt mill-kumpaniji Tajlandiżi.

(99) Filwaqt li Sanwa Iron (il-Malażja) tista' titqies bħala kumpanija xierqa, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-grupp usa' ta' kumpaniji Tajlandiżi stabbilit fil-premessa (91) pprovda sett ta' data aktar affidabbli u rappreżentattiv mill-kumpaniji Malasjani.

(100) Għalhekk, ġew miċħuda l-pretensjonijiet.

(101) Brother Group u l-EFDA ma qablux mad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li teskludi ċerti kumpaniji minħabba li ma pproduċewx il-prodott li qed jiġi investigat. Dawn il-kumpaniji mmanifatturaw prodotti fil-kategorija usa' tal-elementi tal-irbit; barra minn hekk, l-ebda waħda mill-kumpaniji magħżula ma pproduċiet esklussivament il-prodott investigat iżda wkoll firxa wiesgħa ta' prodotti.

(102) Junyue sostna wkoll li l-esklużjoni ta' ċerti kumpaniji fuq bażi individwali kienet mingħajr mertu. Is-sottomissjoni ta' Junyue fl-istadju provviżorju kienet ibbażata fuq ċifri aggregati li jirrappreżentaw l-industrija tal-elementi tal-irbit Tajlandiża kollha kemm hi. Junyue argumenta li kwalunkwe anomalija, bħal livelli baxxi ta' profitt jew proporzjonijiet SG&A eċċessivament għoljin ġew ibbilanċjati permezz tal-aggregazzjoni tad-data.

(103) Barra minn hekk, Junyue sostna li l-Kummissjoni ma pprovdietx ġustifikazzjoni adegwata għall-esklużjoni ta' kumpaniji bbażati fuq il-bażi tad-data Orbis jew is-siti web tagħhom, peress li d-Dokument ta' Divulgazzjoni Ġenerali (GDD) ma kellux evidenza ta' sostenn għal din id-deċiżjoni.

(104) L-ewwel nett, il-Kummissjoni osservat li l-użu ta' data aggregata tal-industrija ma eliminax il-ħtieġa li titwettaq valutazzjoni individwali tas-sitwazzjoni speċifika tal-produzzjoni u finanzjarja ta' kull kumpanija meta mqabbla mal-prodott li qed jiġi investigat, peress li din id-data kienet disponibbli. Din il-valutazzjoni individwali kienet essenzjali biex jiġi ddeterminat jekk kumpanija kinitx xierqa biex tiġi inkluża fil-pool ta' kumpaniji għad-determinazzjoni tal-profitt u l-proporzjonijiet SG&A.

(105) It-tieni, l-informazzjoni mill-bażi tad-data Orbis kienet faċilment disponibbli, u data simili setgħet tinkiseb ukoll mill-bażi tad-data tal-Maħżen tad-Data Tajlandiżi faċilment disponibbli. Barra minn hekk, l-informazzjoni miksuba mis-siti web ([16]) relatati mal-kumpaniji esklużi mill-għażla, skont il-punt 4 tal-premessa (92) ta' dan ir-Regolament, kienet disponibbli faċilment u ma kinitx konklużiva tal-produzzjoni tal-prodott li qed jiġi investigat. Għall-kumpanija Mongkol Fasteners & ampParts Co., Ltd ([17])., il-Kummissjoni ma setgħetx tikkonkludi mill-informazzjoni disponibbli li hija kienet produttur ġenwin.

(106) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-partijiet interessati kellhom aċċess għall-evidenza meħtieġa. Barra minn hekk, Junyue ma ressaq l-ebda argument li jbiddel is-sejbiet tal-Kummissjoni fil-premessi (91) sa (95).

([16]) https://www.topy.co.th/ (ikkonsultat l-aħħar 16.9.2025).
https://www.xn--72ca6basbt6cwa6f4b1a8owe.com/ (ikkonsultat l-aħħar 16.9.2025).
https://www.thaimongkol.com (ikkonsultat l-aħħar 16.9.2025).
https://th.nc-net.com/company/101653/ (ikkonsultat l-aħħar 16.9.2025).

([17]) บริษัท มงคลฟาสเทนเนอร์สแอนด์พาร์ทส จำกัด | Ban Bo Thong | Facebook (ikkonsultat l-aħħar 16.9.2025).

(107) Għalhekk, ġew miċħuda l-pretensjonijiet.

3.2. **Prezz tal-esportazzjoni**

(108) Wara l-pubblikazzjoni tar-Regolament proviżorju, l-EIFI issottometta kummenti fejn qabel mal-metodoloġija applikata mill-Kummissjoni biex jiġu stabbiliti l-marġnijiet tad-dumping. Madankollu, l-EIFI afferma wkoll li wara l-perjodu ta' investigazzjoni, il-prezzijiet tal-esportazzjoni tal-produttur esportatur Ċiniż naqsu u talab li d-data ta' wara l-perjodu ta' investigazzjoni għandha tintuża biex jiġu vvalutati mill-ġdid il-marġnijiet tad-dumping.

(109) Il-Kummissjoni ma taqbilx ma' din il-fehma. Kif huwa stipulat fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament bażiku, l-investigazzjoni trid tkopri kemm id-dumping kif ukoll id-dannu u dawn iridu jiġu investigati b'mod simultanju u, għall-finijiet ta' sejba rappreżentattiva, irid jintgħażel perjodu ta' investigazzjoni. It-tielet subparagrafu tal-istess Artikolu jkompli jiddikjara li l-informazzjoni relatata ma' perjodu sussegwenti għall-perjodu ta' investigazzjoni normalment ma għandhiex titqies. Ta' min jinnota wkoll li l-prezzijiet normalment ivarjaw 'il fuq jew 'l isfel wara l-perjodu ta' investigazzjoni. Għalhekk, il-varjazzjonijiet fil-prezzijiet waħedhom ma humiex biżżejjed *per se* biex jiġġustifikaw ħarsa lejn id-data ta' wara l-perjodu ta' investigazzjoni. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe raġuni partikolari għaliex f'dan il-każ il-Kummissjoni għandha tiddevja mir-regola ġenerali tal-Artikolu 6(1) u tqis id-data ta' wara l-perjodu ta' investigazzjoni, it-talba tal-EIFI instabet li ma hijiex iġġustifikata. Għalhekk, din l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(110) Wara d-divulgazzjoni definittiva, l-EIFI tenna l-kummenti tiegħu billi sostna li d-dazji anti-dumping proposti ma jirriflettux il-livell ta' dumping u jenħtieġ li jiġu vvalutati mill-ġdid abbażi tal-volumi u l-prezzijiet tal-importazzjoni minn perjodu sussegwenti għall-perjodu ta' investigazzjoni. L-EIFI sostna wkoll li l-Kummissjoni ma kinitx konformi mal-Artikolu 6(1) tar-Regolament bażiku billi ma vvalutatx id-data relatata mal-perjodu ta' wara l-investigazzjoni għad-determinazzjoni tal-livell tad-dazji anti-dumping.

(111) Il-Kummissjoni ma qablitx ma' din il-fehma għar-raġunijiet diġà spjegati fil-premessa (109) hawn fuq. Barra minn hekk, il-livell ta' dumping huwa stabbilit għal kull produttur esportatur investigat individwalment, billi jitqabbel il-valur normali individwali tiegħu mal-prezzijiet tal-esportazzjoni tiegħu. Għalhekk, l-informazzjoni sottomessa mill-EIFI dwar il-fluttwazzjonijiet ġenerali tal-prezzijiet tal-esportazzjoni mingħajr ebda informazzjoni dettaljata dwar il-prezzijiet tal-esportazzjoni tal-prodotturi esportaturi inklużi fil-kampjun, aħseb u ara l-valuri normali tagħhom, matul il-perjodu ta' wara l-investigazzjoni, fi kwalunkwe każ ma tkunx biżżejjed biex jiġu vvalutati mill-ġdid il-marġnijiet tad-dumping tagħhom. Għalhekk, din l-affermazzjoni kienet rifjutata.

3.3. **Tqabbil**

(112) Wara l-pubblikazzjoni tar-Regolament proviżorju Junyue tenniet l-affermazzjoni tagħha li l-metodoloġija użata mill-Kummissjoni biex tistabbilixxi l-proporzjon tal-SG&A tirriżulta f'paragun inġust bejn il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni minħabba li l-Kummissjoni ma naqqsitx il-kwoti bħall-imposti bankarji, il-kost tal-kreditu tal-merkanzija bil-baħar u l-assigurazzjoni tal-baħar fil-proporzjon tal-SG&A li nħadem, filwaqt li naqqset dawn il-kostijiet mill-kalkolu tal-prezz tal-esportazzjoni ta' Junyue. Barra minn hekk, Chinafar appoġġat din l-affermazzjoni b'argumenti simili.

(113) Għalkemm Junyee spjegat ukoll għaliex ma qablitx mar-raġunament tal-Kummissjoni spjegat fil-premessi (190) – (194) tar-Regolament proviżorju, la Junyue u lanqas Chinafar ma pprovdew l-ebda evidenza addizzjonali biex jappoġġaw l-affermazzjonijiet tagħhom, b'mod partikolari ma kien hemm l-ebda evidenza li turi li l-kostijiet tal-SG&A tal-kumpaniji mit-Tajlandja kkonċernati kienu jinkludu kostijiet tat-trasport għall-konsenja lill-klijenti.

(114) Il-Kummissjoni ssostni li l-valur normali ġie stabbilit fil-livell tal-kummerċ mill-fabbrika billi ntużaw il-kostijiet tal-produzzjoni flimkien mal-ammonti għall-SG&A u l-profitt, li tqiesu raġonevoli għal dak il-livell ta' kummerċ. Għalhekk, ma kien hemm bżonn tal-ebda aġġustament biex il-valur normali jiġi lura nett għal-livell ta' kif joħroġ mill-fabbrika. Għalhekk, dawn l-affermazzjonijiet huma miċħuda u l-premessi (188) u (193) sa (197) tar-Regolament proviżorju huma kkonfermati.

(115) Wara d-divulgazzjoni definittiva, Junyue tenna l-affermazzjoni tiegħu dwar it-tqabbil bejn il-valur normali tiegħu u l-prezz tal-esportazzjoni. Junyue sostna wkoll li jenħtieġ li l-Kummissjoni ġġorr l-oneru li tipprova li l-parametri referenzjarji mibnija għall-valur normali huma stabbiliti fil-livell tal-kummerċ mill-fabbrika. Din l-affermazzjoni kienet essenzjalment l-istess bħal dik li diġà saret wara t-Tieni Nota u indirizzata fil-premessi (190) – (194) tar-Regolament provviżorju u ma ġie ppreżentat l-ebda argument jew evidenza ġdida. Għalhekk, din l-affermazzjoni kienet rifjutata.

3.4. **Marġnijiet tad-dumping**

(116) Kif deskritt fil-premessi (72) sa (91), wara l-asserzjonijiet mill-partijiet interessati, il-Kummissjoni rrevediet il-marġnijiet tad-dumping.

(117) Il-marġnijiet tad-dumping definittivi espressi bħala perċentwal tal-prezz fil-fruntiera tal-Unjoni tal-kost, assigurazzjoni u nol (CIF, cost, insurance and freight), bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġej:

Kumpanija	Marġni tad-dumping definittiv (%)
Zhejiang Junyue Standard Part Co., Ltd.	54,7
Brother Group: — Jiaxing High-enter Fasteners Co., Ltd. — Zhejiang Morgan Brother Technology Co., Ltd. — Jiaxing Brother Standard Part Co., Ltd	57,1
Chinafar Group: — Jiaxing Chinafar Standard Parts Co., Ltd. — Jiangsu Zhe Fasteners Co., Ltd.	72,3
Kumpaniji oħrajn li kkooperaw elenkati fl-Anness	59,8
Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	72,3

(118) Għall-produtturi esportaturi li kkooperaw li ma kinux inklużi mill-kampjun, il-Kummissjoni kkalkolat il-marġni tad-dumping medju ponderat tal-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun, f'konformità mal-Artikolu 9(6) tar-Regolament bażiku.

(119) Kif huwa spjegat fil-premessa (203) tar-Regolament proviżorju, il-livell ta' kooperazzjoni f'dan il-każ kien għoli. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni qieset li huwa xieraq li tistabbilixxi l-marġni tad-dumping għall-produtturi esportaturi li ma kkooperawx fil-livell tal-kumpanija li kkooperat inkluża fil-kampjun eżaminata fuq bażi individwali bl-ogħla marġni tad-dumping.

4. **DANNU**

4.1. **Definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u tal-produzzjoni tal-Unjoni**

(120) Ma wasal l-ebda kumment dwar id-definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u l-produzzjoni tal-Unjoni. Għalhekk, il-konklużjonijiet mill-premessi (205) sa (206) tar-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati.

4.2. **Konsum tal-Unjoni**

(121) Ma wasal l-ebda kumment dwar il-konsum tal-Unjoni. Għalhekk, il-konklużjonijiet mill-premessi (207) sa (209) tar-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati.

4.3. **Importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat**

4.3.1. *Volum u sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat*

(122) Ma wasal l-ebda kumment dwar il-volum u s-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat. Għalhekk, il-konklużjonijiet mill-premessi (210) sa (213) tar-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati.

4.3.2. *Il-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati: twaqqigħ tal-prezz u soppressjoni tal-prezz*

(123) Chinafar Group sostna li l-użu baxx tal-kapaċità tal-kumpaniji inklużi fil-kampjun ikkawża inflazzjoni artifiċjali tal-kostijiet tal-produzzjoni tal-unitajiet (minħabba l-allokazzjoni tal-kostijiet fissi) u rriżulta f'marġnijiet ta' bejgħ taħt il-prezz għoljin b'mod sproporzjonat. Chinafar għalhekk talab li jiġi kkalkolat mill-ġdid l-użu tal-kapaċità f'konformità mal-metodoloġiji standard tal-industrija biex jiġi indirizzat dan it-tħassib.

(124) Il-Kummissjoni nnotat li l-marġnijiet tal-bejgħ taħt il-prezz huma bbażati fuq id-data tat-tliet kumpaniji inklużi fil-kampjun, fejn il-kostijiet fissi jammontaw għal anqas minn 30 % tal-kostijiet tal-produzzjoni totali. Dan il-proporzjon ta' kostijiet fissi bħala sehem mill-kostijiet totali tal-produzzjoni jista' jitqies ukoll bħala baxx fir-rigward tan-normi u d-data tal-industrija mis-settur relatat mal-prodott ikkonċernat. L-affermazzjoni li l-użu tal-kapaċità baxx "tikkawża inflazzjoni artifiċjali" tal-kostijiet għalhekk kienet bla bażi, peress li l-allokazzjoni użata għall-kalkolu tal-marġni tal-bejgħ bil-prezz imwaqqa' tibqa' fi ħdan il-parametri aċċettabbli. Għalhekk, l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(125) Ma wasal l-ebda kumment ieħor dwar il-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat, it-twaqqigħ tal-prezz u s-suppressjoni tal-prezz. Għalhekk, il-konklużjonijiet mill-premessi (214) sa (219) tar-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati.

4.4. **Sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni**

(126) Ma wasal l-ebda kumment dwar is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni. Għalhekk, il-konklużjonijiet mill-premessi (220) sa (254) tar-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati.

5. **KAWŻALITÀ**

(127) Importatur wieħed, Kohlhage, sostna li l-industrija tal-Unjoni qiegħda tiffaċċja sfidi minn pressjonijiet esterni (tensjonijiet ġeopolitiċi, sanzjonijiet, u ostakli għall-kummerċ) u falliment fil-politika interna (miżuri għat-tisħiħ tal-produttività insuffiċjenti), li wasslu għal żieda fl-inflazzjoni u l-kostijiet tal-produzzjoni. Huwa argumenta li d-dazji anti-dumping fuq il-prodott ma jindirizzawx dawn il-kwistjonijiet sistemiċi u jistgħu jnaqqsu aktar il-produttività f'setturi li jiddependu fuq il-prodotti importati, u dan jaggrava l-inflazzjoni.

(128) Madankollu, kif iddikjarat fil-premessa (274) tar-Regolament proviżorju, l-argument li l-miżuri anti-dumping ifixklu l-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni li taġġusta l-prezzijiet skont iż-żidiet fil-kostijiet huwa bla bażi. Minħajr importazzjonijiet oġġett ta' dumping li jeżerċitaw pressjoni 'l isfel fuq il-prezzijiet, l-industrija tal-Unjoni tista' twieġeb b'mod indipendenti għall-kundizzjonijiet tas-suq. L-affermazzjoni kellha nuqqas ta' evidenza ulterjuri biex turi kif id-dazji anti-dumping se jaggravaw il-produttività jew l-inflazzjoni fis-setturi downstream. Għaldaqstant, l-argument ġie miċħud.

(129) Ma wasal l-ebda kumment ieħor dwar il-kawżalità. Għalhekk, il-konklużjonijiet mill-premessi (255) sa (275) tar-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati.

6. **LIVELL TAL-MIŻURI**

6.1. **Marġni tad-dannu**

(130) L-EIFI argumenta li l-livell tad-dazji proviżorji ma jindirizzax biżżejjed is-serjetà tad-dannu kkawżat mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping u ma llimitax iż-żieda sinifikanti fl-importazzjonijiet oġġett ta' dumping, li kompliet tagħmel pressjoni fuq l-industrija tal-Unjoni wara l-bidu tal-investigazzjoni, murija minn xejra 'l fuq fil-volumi tal-importazzjoni u xejra 'l isfel fil-prezzijiet medji tal-importazzjoni. Għalhekk, l-EIFI talab rivalutazzjoni tal-livell tad-dazji biex iqis bis-sħiħ dawn il-bidliet wara l-PI u biex jiġi aġġornat il-kalkolu tad-dumping billi jitqabblu l-prezzijiet CIF Ċiniżi ta' wara l-PI u l-offerti tal-prezzijiet mal-valur normali mibni, biex jiġi ddeterminat jekk il-marġni tad-dumping kif ikkalkolat għall-PI għadux xieraq f'kundizzjonijiet tas-suq aktar reċenti.

(131) Kif iddikjarat mill-EIFI stess, l-informazzjoni relatata ma' perjodu sussegwenti għall-perjodu ta' investigazzjoni normalment ma għandhiex titqies, skont l-Artikolu 6(1), it-tielet subparagrafu, tar-Regolament bażiku. L-unika fluttwazzjoni fil-volumi u fil-prezzijiet tal-importazzjoni wara l-perjodu ta' investigazzjoni ma kinitx tikkostitwixxi ċirkostanza bħal li d-dazju anti-dumping propost isir manifestament mhux xieraq, speċjalment peress li ż-żieda fil-volumi tal-importazzjoni miċ-Ċina wkoll wara l-perjodu ta' investigazzjoni ġiet ivvalutata għall-ġbir retroattiv tad-dazji definittivi, kif stabbilit fit-Taqsima 8.3 hawn taħt.

(132) Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet l-affermazzjoni.

(133) Ma wasal l-ebda kumment ieħor dwar il-livell ta' miżuri. Għalhekk, il-konklużjonijiet mill-premessi (276) sa (284) tar-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati.

(134) Għalhekk, il-livell finali tal-marġni tad-dumping u l-livell ta' eliminazzjoni tad-dannu għall-prodotturi esportaturi li kkooperaw u għall-kumpaniji l-oħrajn kollha huwa kif ġej:

Kumpanija	Marġini anti-dumping definittiv (%)	Marġni tad-dannu definittiv (%)
Zhejiang Junyue Standard Part Co., Ltd.	54,7	196
Brother Group: — Jiaxing High-enter Fasteners Co., Ltd. — Zhejiang Morgan Brother Technology Co., Ltd. — Jiaxing Brother Standard Part Co., Ltd	57,1	211
Chinafar Group: — Jiaxing Chinafar Standard Parts Co., Ltd. — Jiangsu Zhe Fasteners Co., Ltd.	72,3	237
Kumpaniji oħrajn li kkooperaw elenkati fl-Anness	59,8	212
Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	72,3	237

(135) Il-livell ta' eliminazzjoni tad-dannu għal "kumpaniji oħra li kkooperaw" u għal "l-importazzjonijiet l-oħrajn kollha li joriġinaw mill-pajjiż ikkonċernat" huwa definit bl-istess mod bħall-marġni tad-dumping għal dawn il-kumpaniji u l-importazzjonijiet, kif stipulat fil-premessa (118).

(136) Kif huwa spjegat fil-premessa (203) tar-Regolament proviżorju, il-livell ta' kooperazzjoni f'dan il-każ kien għoli. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni qieset li huwa xieraq li tistabbilixxi l-marġni tad-dumping u l-livell finali ta' eliminazzjoni għall-prodotturi esportaturi li ma kkooperawx fil-livell tal-kumpanija li kkooperat inkluża fil-kampjun eżaminata fuq bażi individwali bl-ogħla marġni tad-dumping u livell finali ta' eliminazzjoni, rispettivament.

(137) Wara d-divulgazzjoni definittiva, l-EIFI sostna li 17-il kumpanija elenkati fl-Anness ma kellhomx jitqiesu li kkooperaw minħabba li dawn il-kumpaniji pprovdew id-dokumenti supplimentari mitluba mill-Kummissjoni fid-19 ta' Ġunju 2025 tard jew mhux kompluti.

(138) Il-Kummissjoni eżaminat is-sottomissjonijiet u nnotat li għalkemm xi whud mis-sottomissjonijiet waslu wara l-iskadenza stabbilita inizjalment tas-26 ta' Ġunju 2025, id-dewmien jew in-nuqqasijiet ma kinux tant sinifikanti li dawn il-kumpaniji ma setgħux jitqiesu li kkooperaw. Għalhekk, din l-affermazzjoni kienet rifjutata.

(139) Wara d-divulgazzjoni definittiva, tliet prodotturi esportaturi Ċiniżi addizzjonali pprovdew id-dokumenti supplimentari mitluba. Il-Kummissjoni eżaminat is-sottomissjonijiet u ddeċidiet li tinkludi l-kumpaniji fl-Anness. Il-Kummissjoni ddivulgat l-Anness emendat fis-16 ta' Settembru 2025. Ma wasal l-ebda kumment.

6.2. **Konklużjoni dwar il-livell ta' miżuri**

(140) Wara l-valutazzjoni ta' hawn fuq, id-dazji anti-dumping definittivi jenħtieġ li jiġu stabbiliti kif ġej f'konformità mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku:

Kumpanija	Marġini anti-dumping definittiv (%)	Marġni tad-dannu definittiv (%)	Dazju anti-dumping definittiv (%)
Zhejiang Junyue Standard Part Co., Ltd.	54,7	196	54,7
Brother Group: — Jiaxing High-enter Fasteners Co., Ltd. — Zhejiang Morgan Brother Technology Co., Ltd. — Jiaxing Brother Standard Part Co., Ltd	57,1	211	57,1
Chinafar Group: — Jiaxing Chinafar Standard Parts Co., Ltd. — Jiangsu Zhe Fasteners Co., Ltd.	72,3	237	72,3
Kumpaniji oħrajn li kkooperaw elenkati fl-Anness	59,8	212	59,8
Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	72,3	237	72,3

7. **INTERESS TAL-UNJONI**

7.1. **Interess tal-forniturigħall-industrija tal-Unjoni, importaturi mhux relatati u utenti**

(141) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Azzar EUROFER, li tirrappreżenta l-fornituri tas-substrat tal-azzar tal-vireg tal-wajer użati fil-produzzjoni tal-viti, appoġġat l-impożizzjoni tal-miżuri.

(142) Barra minn hekk, l-EIFI ippreżenta bosta ittri ta' appoġġ minn diversi entitajiet fl-industriji upstream u downstream li jappoġġaw l-impożizzjoni ta' miżuri.

(143) Importatur minnhom, Pretec AB, argumenta li l-impożizzjoni ta' dazji anti-dumping tagħmel ħsara lill-importaturi Nordiċi u lill-utenti finali minħabba nuqqas ta' alternattivi tal-Unjoni għal SIRs b'tulijiet ta' 5,8 metri, iżżid il-kostijiet u thedded il-proġetti infrastrutturali.

(144) Il-Kummissjoni nnotat li l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi mhux Ċiniżi diġà kienu jammontaw għal 13 % tas-suq matul il-PI, filwaqt li l-miżuri anti-dumping għandhom l-għan li jirrestawraw il-kompetizzjoni ġusta, u mhux jipprojbixxu l-importazzjonijiet Ċiniżi, billi jiżguraw ukoll li jibqgħu disponibbli alternattivi. Barra minn hekk, kif previst fil-premessa (19), l-evidenza mill-EIFI ikkonfermat li l-produtturi tal-Unjoni għandhom il-kapaċità li jipproduċu SIRs b'daqs sa sitt metri, kif ukoll li japplikaw kisjiet taż-żingu u metodi ta' protezzjoni kontra l-korrużjoni oħra, li tikkontradixxi direttament l-affermazzjonijiet ta' Pretec dwar in-nuqqas ta' disponibbiltà. Dawn il-fatturi juru li jeżistu alternattivi vijabbli, li jtaffu t-tfixkil fis-suq potenzjali.

7.2. **Konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni**

(145) Ma wasal l-ebda kumment ieħor dwar l-interess tal-Unjoni. Għalhekk, il-konklużjonijiet dwar l-interess tal-Unjoni tar-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati.

8. MIŻURI ANTI-DUMPING DEFINITTIVI

8.1. Miżuri definittivi

(146) Fid-dawl tal-konklużjonijiet milħuqa fir-rigward tad-dumping, tad-dannu, tal-kawżalità, tal-livell tal-miżuri u tal-interess tal-Unjoni, u f'konformità mal-Artikolu 9(4) tar-Regolament bażiku, jenħtieġ li jiġu imposti miżuri anti-dumping definittivi sabiex ma jiġix ikkawżat dannu ulterjuri lill-industrija tal-Unjoni mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping tal-prodott ikkonċernat.

(147) Abbażi ta' dak li ntqal hawn fuq, ir-rati tad-dazju anti-dumping definittivi, espressi skont il-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju doganali mhux imħallas, jenħtieġ li jkunu kif ġej:

Kumpanija	Dazju anti-dumping definittiv (%)
Zhejiang Junyue Standard Part Co., Ltd.	54,7
Brother Group: — Jiaxing High-enter Fasteners Co., Ltd. — Zhejiang Morgan Brother Technology Co., Ltd. — Jiaxing Brother Standard Part Co., Ltd	57,1
Chinafar Group: — Jiaxing Chinafar Standard Parts Co., Ltd. — Jiangsu Zhe Fasteners Co., Ltd.	72,3
Kumpaniji oħrajn li kkooperaw elenkati fl-Anness	59,8
Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	72,3

(148) Ir-rati tad-dazju anti-dumping tal-kumpaniji individwali speċifikati f'dan ir-Regolament ġew stabbiliti abbażi tas-sejbiet ta' din l-investigazzjoni. Għalhekk, dawn jirriflettu s-sitwazzjoni li nstabet matul din l-investigazzjoni fir-rigward ta' dawn il-kumpaniji. B'hekk, dawn ir-rati tad-dazju huma applikabbli esklużivament għall-importazzjonijiet tal-prodott taħt investigazzjoni li joriġina mill-pajjiż konċernat u manifatturat mill-entitajiet legali msemmija. L-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat immanifatturat minn kwalunkwe kumpanija oħra mhux imsemmija b'mod speċifiku fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament, inklużi entitajiet relatati ma' dawk imsemmija b'mod speċifiku, ma jistgħux jibbenefikaw minn dawn ir-rati u jenħtieġ li jkunu soġġetti għar-rata ta' dazju applikabbli għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha".

(149) Kumpanija tista' titlob l-applikazzjoni ta' dawn ir-rati tad-dazju anti-dumping individwali jekk hija sussegwentement tbiddel l-isem tal-entità tagħha. It-talba trid tiġi indirizzata lill-Kummissjoni ([18]). It-talba jrid ikun fiha l-informazzjoni rilevanti kollha li turi li l-bidla ma taffettwax id-dritt tal-kumpanija li tibbenefika mir-rata tad-dazju li tapplika għaliha. Jekk il-bidla fl-isem tal-kumpanija ma taffettwax id-dritt tagħha li tibbenefika mir-rata tad-dazju li tapplika għaliha, se jiġi ppubblikat Regolament dwar il-bidla tal-isem f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(150) Sabiex jiġu minimizzati r-riskji ta' ċirkomvenzjoni minħabba d-differenza fir-rati tad-dazju, huma meħtieġa miżuri speċjali biex tiġi żgurata l-applikazzjoni xierqa tad-dazji anti-dumping individwali. L-applikazzjoni tad-dazji anti-dumping individwali hija applikabbli biss mal-preżentazzjoni ta' fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri. Il-fattura trid tikkonforma mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament. Sakemm tiġi ppreżentata tali fattura, l-importazzjonijiet għandhom ikunu soġġetti għad-dazju anti-dumping applikabbli għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha".

(151) Filwaqt li l-preżentazzjoni ta' din il-fattura hija meħtieġa biex l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jkunu jistgħu japplikaw ir-rati tad-dazju anti-dumping individwali fuq l-importazzjonijiet, din mhijiex l-uniku element li għandu jitqies mill-awtoritajiet doganali. Tabilħaqq, anke jekk jiġu ppreżentati b'fattura li tissodisfa r-rekwiżiti kollha stabbiliti fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jwettqu l-kontrolli tas-soltu tagħhom u jistgħu, bħal fil-każijiet l-oħrajn kollha, ikunu jirrikjedu dokumenti addizzjonali (dokumenti tat-tbaħħir, eċċ.) bl-għan li jivverifikaw l-akkuratezza tad-dettalji li jinsabu fid-dikjarazzjoni u jiżguraw li l-applikazzjoni sussegwenti tar-rata tad-dazju tkun ġustifikata, f'konformità mal-liġi doganali.

([18]) Indirizz tal-posta elettronika: TRADE-TDI-NAME-CHANGE-REQUESTS@ec.europa.eu; European Commission, Directorate-General for Trade, Directorate G, Wetstraat 170 Rue de la Loi, 1040 Brussels, Belgium.

(152) Jekk l-esportazzjonijiet minn waħda mill-kumpaniji li jibbenefikaw minn rati tad-dazju individwali aktar baxxi jiżdiedu b'mod sinifikanti fil-volum, b'mod partikolari wara l-impożizzjoni tal-miżuri kkonċernati, tali żieda fil-volum tista' titqies bħala waħda li fiha nnifisha tikkostitwixxi bidla fix-xejra tal-kummerċ minħabba l-impożizzjoni ta' miżuri skont l-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku. F'tali ċirkostanzi, tista' tinbeda investigazzjoni antiċirkomvenzjoni, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet sabiex din issir. Din l-investigazzjoni tista', inter alia, teżamina l-ħtieġa tat-tneħħija ta' rata/i tad-dazju individwali u l-impożizzjoni konsegwenti ta' dazju għall-pajjiż kollu.

(153) Sabiex jiġi żgurat infurzar xieraq tad-dazji anti-dumping, jenħtieġ li d-dazju anti-dumping għall-kumpaniji l-oħrajn kollha japplika mhux biss għall-produtturi esportaturi li ma kkooperawx f'din l-investigazzjoni, iżda wkoll għall-produtturi li ma kellhomx esportazzjonijiet lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(154) Jenħtieġ li l-produtturi esportaturi li ma esportawx il-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni jkunu jistgħu jitolbu lill-Kummissjoni sabiex tkun soġġetta għar-rata tad-dazju anti-dumping għall-kumpaniji li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tilqa' talba bħal din dment li jiġu ssodisfati tliet kundizzjonijiet. Il-produttur esportatur il-ġdid ikollu juri li: (i) ma esportax il-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni matul il-PI; (ii) mhuwiex relatat ma' produttur esportatur li għamel dan; u (iii) esporta l-prodott ikkonċernat wara dan jew daħal f'obbligu kuntrattwali irrevokabbli sabiex jagħmel dan fi kwantitajiet sostanzjali.

8.2. **Ġbir definittiv tad-dazji proviżorji**

(155) Fid-dawl tal-marġnijiet ta' dumping li nstabu u minħabba l-livell tad-dannu kkawżat lill-industrija tal-Unjoni, jenħtieġ li l-ammonti ggarantiti permezz tad-dazji anti-dumping proviżorji, imposti bir-Regolament proviżorju, jinġabru b'mod definittiv sal-livelli stabbiliti skont dan ir-Regolament.

8.3. **Retroattività**

(156) Kif imsemmi fit-Taqsima 1.2, il-Kummissjoni għamlet l-importazzjonijiet tal-prodott li qiegħed jiġi investigat soġġetti għal reġistrazzjoni.

(157) Matul l-istadju definittiv tal-investigazzjoni, ġiet ivvalutata d-data miġbura fil-kuntest tar-reġistrazzjoni. Il-Kummissjoni analizzat jekk il-kriterji skont l-Artikolu 10(4) tar-Regolament bażiku kinux issodisfati għall-ġbir retroattiv tad-dazji definittivi.

(158) Il-kriterji dwar jekk id-dazji jistgħux jinġabru matul il-perjodu ta' reġistrazzjoni huma stabbiliti fl-Artikolu 10(4) tar-Regolament bażiku.

(159) Il-kundizzjoni fl-Artikolu 10(4)(a) tar-Regolament bażiku hija ssodisfata billi l-importazzjonijiet ġew irreġistrati f'konformità mar-Regolament dwar ir-reġistrazzjoni, li f'dak iż-żmien kienet f'konformità mal-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku.

(160) L-importaturi ngħataw opportunità biex jikkummentaw f'konformità mal-Artikolu 10(4)(b) tar-Regolament bażiku wara l-pubblikazzjoni tar-Regolament dwar ir-reġistrazzjoni, kif ukoll il-pubblikazzjoni tar-Regolament proviżorju.

(161) L-ebda parti interessata ma esprimiet l-oppożizzjoni tagħha għar-reġistrazzjoni. Madankollu, waslu kummenti mill-EFDA u mill-EIFI dwar l-impożizzjoni retroattiva possibbli tad-dazji. L-EIFI indika l-qbil tiegħu fil-ġbir tad-dazji matul il-perjodu ta' reġistrazzjoni.

(162) Skont l-Artikolu 10(4)(c) tar-Regolament bażiku, jeħtieġ li jkun hemm "storja ta' dumping matul perjodu estiż, jew l-importatur kien konxju, jew kellu jkun konxju, tad-dumping fir-rigward tal-firxa tad-dumping, u d-dannu allegat jew misjub". F'dan il-każ, il-Kummissjoni qieset li l-importaturi kienu konxji, jew kellhom ikunu konxji tad-dumping fir-rigward tal-grad tad-dumping u tad-dannu allegat jew misjub mid-data tal-bidu tal-investigazzjoni.

(163) Fil-fatt, in-Notifika ta' Bidu u l-verżjoni mhux kunfidenzjali tal-ilment kien fihom għadd ta' dikjarazzjonijiet u elementi ta' evidenza li jappoġġaw u jiddikjaraw il-firxa tad-dumping u d-dannu allegat, pereżempju fit-Taqsimiet 3 u 4 tan-Notifika ta' Bidu, u fit-Taqsima B u C.5 tal-verżjoni mhux kunfidenzjali tal-ilment. Konsegwentement, il-Kummissjoni qieset li l-importaturi u l-utenti kienu konxji, jew kellhom ikunu konxji tal-prattiki ta' dumping allegati, il-grad tagħhom u d-dannu allegat.

(164) Madankollu, l-EFDA argumentat li l-importaturi tal-Unjoni ma kellhom l-ebda bażi storika biex jantiċipaw il-miżuri anti-dumping kontra l-viti mingħajr ras, peress li l-prodotti inkwistjoni tipikament jeħtieġu żmien meħtieġ għall-eżekuzzjoni tal-produzzjoni u l-konsenja tal-prodott ikkonċernat sa 6 xhur. Pereżempju, l-importazzjonijiet li waslu fl-Ewropa bejn Jannar u Marzu 2025 ġew ordnati sa minn Lulju 2024, qabel il-bidu tal-investigazzjoni. Il-Kummissjoni osservat li l-ebda evidenza sostanzjata fil-fajl ta' din l-investigazzjoni ma kkonfermat żmien meħtieġ għall-eżekuzzjoni sa 6 xhur għal dawn l-importazzjonijiet, li jagħmel l-argument spekulattiv u mhux appoġġat minn data fattwali. Għalhekk, l-argument ġie miċħud.

(165) Barra minn hekk, skont l-Artikolu 10(4)(d) tar-Regolament bażiku, jeħtieġ li jkun hemm "żieda sostanzjali ulterjuri fl-importazzjonijiet minbarra l-livell ta' importazzjonijiet li kkawżaw dannu matul il-perjodu ta' investigazzjoni" li, fid-dawl taż-żmien u l-volum tagħha u ċirkostanzi oħrajn, x'aktarx li timmina serjament l-effett ta' rimedju tad-dazji definittivi.

(166) L-analiżi tal-Kummissjoni wriet żieda sostanzjali ulterjuri fl-importazzjonijiet minbarra l-livell ta' importazzjonijiet li kkawżaw dannu matul il-perjodu ta' investigazzjoni, kif preskritt mill-Artikolu 10(4)(d) tar-Regolament bażiku.

(167) Għal din l-analiżi, il-Kummissjoni qabblet il-volumi medji tal-importazzjoni ta' kull xahar tal-prodott ikkonċernat matul il-perjodu ta' investigazzjoni mal-volumi u l-prezzijiet medji tal-importazzjoni fix-xahar wara l-bidu (matul il-perjodu minn Novembru 2024 sa Ġunju 2025), filwaqt li għamlet distinzjoni bejn (i) l-ewwel xhur sħaħ wara l-bidu tal-investigazzjoni sal-aħħar xahar sħiħ meta saret ir-reġistrazzjoni (Novembru 2024 sa Jannar 2025) u (ii) l-ewwel xhur sħaħ wara l-bidu tal-investigazzjoni sal-aħħar xahar sħiħ meta ġew adottati l-miżuri proviżorji (Novembru 2024 sa Ġunju 2025).

Tabella 1

Importazzjonijiet ta' viti mingħajr irjus miċ-Ċina

	Tunnellati medji fix-xahar	Prezz medju (EUR/tunnellata)
Perjodu ta' investigazzjoni (Lulju 2023 sa Ġunju 2024)	9 360	1 213
Perjodu ta' investigazzjoni (Novembru 2023 sa Jannar 2024)	8 768	1 141
Perjodu ta' investigazzjoni (Novembru 2023 sa Ġunju 2024)	8 978	1 199
Perjodu ta' investigazzjoni (Frar sa Ġunju 2024)	9 105	1 233
Perjodu ta' wara l-investigazzjoni (Novembru 2024 sa Jannar 2025)	13 458	1 109
Perjodu ta' wara l-investigazzjoni (Novembru 2024 sa Ġunju 2025)	13 427	1 104
Perjodu ta' wara l-investigazzjoni (Frar sa Ġunju 2025)	13 408	1 101

Sors: Bażi tad-data tas-sorveljanza 3 (*)
(*) Estratt ta' 7.7.2025.

(168) Il-volum tal-importazzjonijiet medju ta' kull xahar miċ-Ċina matul il-perjodu ta' investigazzjoni kien ta' 9 360 tunnellata. Il-volum medju tal-importazzjonijiet fix-xahar miċ-Ċina fil-perjodu li jibda fl-ewwel xahar sħiħ wara l-pubblikazzjoni tan-Notifika ta' bidu tal-investigazzjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u li jintemm fl-aħħar xahar sħiħ sal-aħħar xahar sħiħ meta saret ir-reġistrazzjoni (Novembru 2024 sa Jannar 2025) kien ta' 13 458 tunnellata, 44 % ogħla milli fil-perjodu ta' investigazzjoni. Meta jitqabblu l-importazzjonijiet wara l-perjodu ta' investigazzjoni mal-istess xhur matul il-perjodu ta' investigazzjoni (jiġifieri Novembru 2023 sa Jannar 2024, b'volum ta' importazzjonijiet medju ta' kull xahar ta' 8 768 tunnellata), biex tiġi evitata kwalunkwe differenza fl-istaġjonalità, il-bidla fil-medja ta' kull xahar hija saħansitra ogħla b'żieda ta' 53 %.

(169) L-istess xejra tista' tiġi nnotata meta jitqabblu l-importazzjonijiet matul il-perjodu ta' investigazzjoni mal-perjodu wara l-bidu tal-każ sal-aħħar xahar sħiħ meta ġew adottati miżuri proviżorji.

(170) Il-volum tal-importazzjonijiet medju ta' kull xahar miċ-Ċina fil-perjodu li jibda fl-ewwel xahar sħiħ wara l-pubblikazzjoni tan-Notifika tal-bidu tal-investigazzjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u li jispiċċa fl-aħħar xahar sħiħ qabel l-impożizzjoni tal-miżuri proviżorji (Novembru 2024 sa Ġunju 2025) kien ta' 13 427 tunnellata, jiġifieri 43 % ogħla milli mill-perjodu ta' investigazzjoni. Meta jitqabblu l-importazzjonijiet wara l-perjodu ta' investigazzjoni mal-istess xhur matul il-perjodu ta' investigazzjoni (jiġifieri Novembru 2023 sa Ġunju 2024, b'volum ta' importazzjonijiet medju ta' 8 978 tunnellata fix-xahar), iż-żieda fil-medja fix-xahar hija ta' 50 %.

(171) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li kien hemm żieda sostanzjali fil-volumi tal-importazzjonijiet wara l-bidu.

(172) L-EFDA argumentat li ż-żieda osservata fil-volumi tal-importazzjonijiet matul l-ewwel xhur tal-2025, b'mod partikolari f'Jannar u fi Frar, tallinja max-xejriet staġunali normali fl-industrija, peress li l-kumpaniji tipikament inaqqsu l-livelli tal-istokk f'Novembru u Diċembru għall-ġestjoni tal-inventarju ta' tmiem is-sena u sussegwentement jirriġeneraw il-provvisti fl-ewwel xhur tas-sena. Din il-varjazzjoni ma hijiex relatata mal-investigazzjoni anti-dumping u minflok tirrifletti mġiba tas-suq ta' rutina. Madankollu, il-Kummissjoni ċaħdet l-argument, peress li qabblet ukoll perjodi identiċi matul u wara l-PI, b'mod partikolari x-xhur bikrin ta' kull sena u għalhekk l-effetti staġunali kienu riflessi fit-tqabbil.

(173) L-EFDA argumentat li l-PI ra volumi ta' importazzjonijiet baxxi b'mod mhux tas-soltu minħabba l-istokk żejjed ta' wara l-pandemija fl-imħażen tal-Unjoni, xprunati minn interruzzjonijiet fil-katina tal-provvista u vjeġġi mdewma li wasslu għall-kumulazzjoni ta' riżervi. Iż-żieda sussegwenti fl-importazzjonijiet wara l-PI tirrifletti korrezzjoni tas-suq peress li l-inventarji jirritornaw għal livelli tipiċi tagħhom, aktar milli jkun hemm xejra anormali. Il-Kummissjoni ċaħdet l-argument, billi, kif ġie nnotat fil-premessa (212) tar-regolament proviżorju, il-volumi tal-importazzjoni żdiedu matul il-PI fir-rigward tal-2023 minkejja li d-domanda fl-Unjoni baqgħet baxxa matul il-PI.

(174) Barra minn hekk, il-Kummissjoni nnotat li l-prezz tal-importazzjonijiet medju naqas wara l-bidu tal-investigazzjoni. Meta wieħed iqabbel (i) l-ewwel xhur sħaħ wara l-bidu tal-investigazzjoni sal-aħħar xahar sħiħ meta saret ir-reġistrazzjoni bil-prezz medju fil-PI, jintwera tnaqqis ta' 8,6 % fil-prezz minn 1 213 EUR/tunnellata għal EUR 1 109/tunnellata, u meta jitqabblu (ii) l-ewwel xhur sħaħ wara l-bidu tal-investigazzjoni sal-aħħar xahar sħiħ meta l-miżuri proviżorji ġew adottati bi tnaqqis fil-prezz medju tal-PI, instab tnaqqis ta' 9 % fil-prezz (minn EUR 1 213/tunnellata għal EUR 1 104/tunnellata).

(175) Fid-dawl ta' dak ta' hawn fuq, il-Kummissjoni setgħet tikkonkludi li ż-żieda fl-importazzjonijiet x'aktarx kienet se tippreġudika serjament l-effett rimedjali tad-dazju anti-dumping definittiv li għandu jiġi applikat, skont it-tifsira tal-Artikolu 10(4)(d) tar-Regolament bażiku.

(176) Konsegwentement, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-kundizzjonijiet kollha għall-ġbir retroattiv ġew issodisfati. Dazju antidumping definittiv għandu għalhekk jiġi impost fuq il-prodott ikkonċernat, li sar suġġett għal reġistrazzjoni mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/141.

(177) Il-livell tad-dazju li għandu jinġabar b'mod retroattiv għandu jiġi stabbilit fil-livell tad-dazju definittiv inkluż fl-Artikolu 1(2) hawn taħt.

(178) Wara d-divulgazzjoni definittiva, l-EFDA, appoġġata minn Junyue and Chinafar Groups, ikkontestat l-applikazzjoni retroattiva tad-dazji skont l-Artikolu 10(4)(c) tar-Regolament bażiku, bl-argument li l-kundizzjonijiet għall-impożizzjoni retroattiva ma kinux issodisfati peress li ma kien hemm l-ebda evidenza ta' dumping sostnut fuq perjodu estiż għall-prodott investigat. Għalhekk, l-importaturi la kienu konxji tal-allegat dumping u lanqas tal-firxa tad-dannu ddikjarat, b'mod partikolari minħabba l-esklużjoni espliċita tal-prodott mill-investigazzjoni anti-dumping preċedenti dwar ċerti qfieli tal-ħadid jew tal-azzar ([19]).

([19]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/191 tas-16 ta' Frar 2022 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti qfieli tal-ħadid jew tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 36, 17.2.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2022/191/oj).

(179) L-EFDA enfasizzat li l-biċċa l-kbira tal-importaturi huma intrapriżi żgħar u ta' daqs medju ("SMEs") b'kapaċità limitata li jivvalutaw b'mod indipendenti r-riskji tad-dumping. Dawn l-entitajiet tipikament joperaw bis-suppożizzjoni li l-prodotti importati jiġu pprezzati b'mod ġust, u ma jkunx raġonevoli li wieħed jistenna li l-SMEs jieħdu miżuri ta' prekawzjoni b'mod proattiv kontra d-dumping għal prodotti li qabel ma kinux soġġetti għal skrutinju anti-dumping, kif ukoll li jippenalizzawhom. Iż-żieda fl-importazzjonijiet wara l-bidu tal-investigazzjoni kienet primarjament dovuta għal żminijiet ta' tħejjija tal-katina tal-provvista, li damu sa tmien xhur bejn il-ħruġ tal-ordni u l-iżdoganar tal-merkanzija, aktar milli ċirkomvenzjoni intenzjonata. Għalhekk, huma sostnew li l-importazzjonijiet lejn l-Unjoni minn Jannar sa Marzu 2025 ġew ordnati minn Mejju sa Lulju 2024. Huma nnutaw li ż-żmien meħtieġ għandu jittieħed kont tiegħu meta tiġi analizzata l-ħtieġa tal-applikazzjoni retroattiva tad-dazji f'investigazzjonijiet oħra ([20]).

(180) L-EFDA enfasizzat ukoll li l-volumi tal-importazzjoni tal-prodott investigat bdew jonqsu minn Frar 2025, u dan jindika ritorn għal flussi kummerċjali normalizzati. Flimkien ma' dan, il-prezzijiet tal-importazzjoni żdiedu b'mod kostanti, u dan jindika li l-kundizzjonijiet tas-suq qed jaġġustaw mill-ġdid b'mod naturali. Dawn l-iżviluppi komplew jimminaw il-ġustifikazzjoni għal dazji retroattivi.

(181) L-EIFI kkontesta t-talba ta' żmien ta' sitt xhur bejn it-tqegħid tal-ordni u l-iżdoganar tal-merkanzija, u pprovda informazzjoni għal perjodi iqsar ta' żmien fl-2024. Huwa argumenta li d-distakk ta' 153 jum bejn il-bidu tal-investigazzjoni (17 ta' Ottubru 2024) u l-bidu tal-applikazzjoni retroattiva tad-dazju anti-dumping (19 ta' Marzu 2025) fisser li l-ordnijiet għall-importazzjonijiet soġġetti għal dazji saru wara l-bidu tal-investigazzjoni, meta l-importaturi kienu konxji mill-allegat dumping u dannu. L-EIFI enfasizza li x-xejra fl-importazzjonijiet uriet żieda qawwija fl-importazzjonijiet Ċiniżi ta' viti mingħajr irjus minn Lulju 2024 (12 694–22 584 tunnellata fix-xahar), meta mqabbla mal-livelli ta' qabel Lulju 2023 (6 510–11 449 tunnellata fix-xahar). Din ix-xejra indikat l-għarfien tas-suq tal-ilment anti-dumping imminenti, bl-importaturi jantiċipaw il-vjaġġi biex jevitaw id-dazji. L-EIFI asserixxa wkoll li l-importaturi konxjament assumew ir-riskju ta' dazji retroattivi minkejja dan l-għarfien u issa jfittxu li jevadu r-responsabbiltà billi jikkwotaw żminijiet ta' tħejjija spekulattivi.

(182) L-EIFI kkontesta wkoll l-affermazzjonijiet li ż-żieda fl-importazzjonijiet Ċiniżi fl-2024–2025 kienet tirrifletti aġġustamenti tal-istokk ta' wara l-pandemija jew xejriet staġjonali, u argumenta li dan irriżulta mill-antiċipazzjoni tas-suq tal-ilment anti-dumping. Iż-żieda ta' 109 % sena wara sena fl-ewwel trimestru tal-2025 u tnaqqis sostnut fil-prezzijiet (EUR 1 302/tonne fl-2023 għal EUR 1 093/tonne sa nofs l-2025) ikkontestaw dikjarazzjonijiet ta' mġiba temporanja jew ċiklika. L-EIFI enfasizza li ż-żieda f'daqqa u x-xejriet tal-ipprezzar kienu korrelatati mal-investigazzjoni li jmiss, jinvalidaw spjegazzjonijiet alternattivi u jenfasizzaw il-ħtieġa għal dazji retroattivi biex jiġu indirizzati l-importazzjonijiet predatorji.

(183) Il-Kummissjoni fakkret li l-Artikolu 10(4)(d) tar-Regolament bażiku jirreferi għal "importazzjonijiet" u mhux għal "ordnijiet" li x'aktarx jimminaw serjament l-effett rimedjali tad-dazju anti-dumping definittiv li għandu jiġi applikat. Dawn l-importazzjonijiet iridu jiġu vvalutati għat-twaqqit, il-volum u l-potenzjal tagħhom li jimminaw l-effett rimedjali tad-dazji anti-dumping. L-Artikolu 10(4)(c) jiddependi fuq l-għarfien tal-importatur dwar id-dumping, iżda jenfasizza li d-dazji retroattivi mhumiex punittivi. Minflok, l-għan tagħhom huwa li jippreservaw l-effettività tal-miżuri anti-dumping billi jindirizzaw l-importazzjonijiet li, b'mod ġenerali, jirriskjaw li jimminaw l-impatt rimedjali tagħhom. Il-valutazzjoni skont l-Artikolu 10(4)(d) tipprijoritizza l-effett oġġettiv tal-volumi tal-importazzjoni u d-dinamika tas-suq fuq l-intenzjonijiet suġġettivi jew iż-żminijiet ta' tħejjija tal-importaturi individwali ([21]).

(184) Fl-investigazzjoni attwali, il-Kummissjoni rrikonoxxiet li setgħu għaddew diversi xhur bejn l-ordni u d-data tal-importazzjoni. Hija rrieżaminat l-evidenza ppreżentata mill-partijiet rigward iż-żminijiet ta' tħejjija tal-katina tal-provvista għall-prodott investigat iżda fil-biċċa l-kbira rrifjutatha bħala mhux sostanzjata jew mhux kompluta. In-nuqqasijiet ewlenin kienu jinkludu ordnijiet neqsin u/jew fatturi korrispondenti segwiti minn dokumentazzjoni doganali f'ċerti każijiet. Barra minn hekk, xi importaturi li pprovdew informazzjoni naqsu milli jikkooperaw ma' din l-investigazzjoni, u dan ħalla l-volumi totali tal-importazzjoni tagħhom lejn l-Unjoni mhux magħrufa. Konsegwentement, l-informazzjoni ppreżentata mill-importaturi li kkooperaw kienet tirrappreżenta inqas minn 5 % tal-importazzjonijiet totali tal-prodott li qed jiġi investigat lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Għalhekk, minbarra li hija essenzjalment irrilevanti fid-dawl tal-prinċipji mfakkra fil-premessa (183), il-Kummissjoni ma qisitx id-data rappreżentattiva biżżejjed biex tassumi li l-importaturi l-oħra kollha kienu f'sitwazzjoni simili.

([20]) Eż. fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/45 tat-8 ta' Jannar 2025 li jimponi dazju anti-dumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' tagħmir tal-aċċess mobbli li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L, 2025/45, 9.1.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/45/oj).

([21]) Dwar dan il-punt, il-Kummissjoni tirreferi għas-Sentenza tat-8 ta' Mejju 2019, Stemcor London Ltd u Samac Steel Supplies Ltd vs il-Kummissjoni Ewropea, il-Kawża T-749/16, ECLI:EU:T:2019:310.

(185) Fid-dawl tal-analiżi tal-Kummissjoni ta' żieda sostanzjali fl-importazzjonijiet wara l-perjodu ta' investigazzjoni, hija qieset li, filwaqt li xi wħud mill-kunsinni minn Novembru 2024 sa Frar 2025 setgħu jkunu parzjalment dovuti għal ordnijiet ta' qabel l-investigazzjoni li saru qabel Ottubru 2024, din l-ispjegazzjoni ma kinitx biżżejjed biex tqis iż-żieda sostnuta fl-importazzjonijiet, li ammontat għal żieda ta' 47 % minn Frar sa Ġunju 2025 meta mqabbla mal-istess perjodu fl-2024. Barra minn hekk, il-Kummissjoni osservat tnaqqis ta' 11 % fil-prezz medju tal-importazzjoni tal-prodott matul Frar – Ġunju 2025 meta mqabbel ma' Frar – Ġunju 2024, xejra inkonsistenti mad-dikjarazzjoni tal-EFDA ta' normalizzazzjoni tas-suq. Dan it-tnaqqis fil-prezz, flimkien maż-żieda fil-volumi tal-importazzjonijiet, immina direttament l-argument tal-partijiet li l-flussi kummerċjali kienu ġew aġġustati mill-ġdid b'mod naturali wara Frar 2025.

(186) Barra minn hekk, l-affermazzjoni tal-EFDA li l-importazzjonijiet lejn l-Unjoni f'Jannar – Marzu 2025 ġew ordnati sa minn Mejju – Lulju 2024 instabet li ma kinitx korretta mal-analiżi tal-prezz medju tal-importazzjoni. Jekk id-dikjarazzjoni kienet preċiża, il-prezz medju tal-importazzjoni f'Jannar – Marzu 2025 (EUR 1 057/tunnellata) kellu jkun allinjat mal-firxa tal-prezzijiet ta' Mejju – Lulju 2024 (EUR 1 218/tunnellata) jew qabel, iżda minflok kien 13 % inqas.

(187) Il-Kummissjoni ċaħdet l-argument tal-partijiet rigward l-esklużjoni tal-prodott investigat mill-investigazzjoni anti-dumping preċedenti dwar ċerti qfieli tal-ħadid jew tal-azzar, bħala irrilevanti għall-proċediment attwali. Skont il-prattika stabbilita u l-Artikolu 10(4)(c) tar-Regolament Bażiku, kull investigazzjoni hija limitata għall-kamp ta' applikazzjoni tal-prodott definit fl-ilment. L-assenza ta' viti jew boltijiet fl-ilment preċedenti ma ċaħditx il-validità tal-investigazzjoni attwali, peress li l-kamp ta' applikazzjoni ta' kwalunkwe proċediment huwa ddeterminat biss mill-allegazzjonijiet u l-evidenza speċifiċi ppreżentati fl-ilment inkwistjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni enfasizzat li l-industriji li jipproduċu viti mingħajr irjus u dawk li jipproduċu qfieli oħra tal-ħadid jew tal-azzar huma distinti f'termini ta' proċessi ta' produzzjoni, funzjonijiet tas-suq, u dannu. Għalhekk, id-dipendenza tal-partijiet fuq l-esklużjoni preċedenti hija żbaljata, peress li tgħaqqad investigazzjonijiet mhux relatati ma' kampijiet ta' applikazzjoni ta' prodotti differenti. Għaldaqstant, dan l-argument ġie miċħud bħala fattwalment u legalment mhux sostanzjat.

(188) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-applikazzjoni retroattiva tad-dazji hija ġġustifikata, peress li l-evidenza wriet li ż-żieda fl-importazzjonijiet u t-twaqqit tal-kunsinni ma setgħux jiġu rikonċiljati maż-żminijiet meħtieġa u l-kundizzjonijiet għall-impożizzjoni retroattiva skont l-Artikolu 10(4)(c) tar-Regolament Bażiku ġew issodisfati.

(189) Skont l-Artikolu 10(4) tar-Regolament bażiku, l-applikazzjoni retroattiva tad-dazju hija imposta mid-19 ta' Marzu 2025.

9. **DISPOŻIZZJONI FINALI**

(190) Fid-dawl tal-Artikolu 109 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([22]), meta ammont ikun irid jiġi rrimborżat wara sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, l-imgħax li jrid jitħallas jenħtieġ li jkun ir-rata applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet ta' rifinanzjament ewlenin tiegħu, kif ippubblikat fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fl-ewwel jum kalendarju ta' kull xahar.

(191) Il-miżuri previsti f'dan ir-regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2016/1036,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Dazju anti-dumping definittiv huwa impost fuq l-importazzjonijiet ta' viti u boltijiet, kemm jekk bl-iskorfini u l-woxers tagħhom kif ukoll jekk le, mingħajr irjus, tal-ħadid jew tal-azzar għajr l-azzar inossidabbli, irrispettivament missaħħa tensili, esklużi l-coach screws u viti tal-injam oħra, ganċijiet bil-kamin u ċrieki bil-kamin, viti self-tapping, u viti u boltijiet għat-twaħħil ta' materjal għall-bini ta' binarji ferrovjarji, li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 7318 15 42 u 7318 15 48 u li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

([22]) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni) (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj).

2. Ir-rata tad-dazju anti-dumping definittiv applikabbli għall-prezz nett, ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodotti deskritti fil-paragrafu 1 u manifatturati mill-kumpaniji elenkati hawn taħt, għandha tkun kif ġej:

Kumpanija	Dazju anti-dumping definittiv (%)	Kodiċi addizzjonali TARIC
Zhejiang Junyue Standard Part Co., Ltd.	54,7	89ML
Brother Group: — Jiaxing High-enter Fasteners Co., Ltd. — Zhejiang Morgan Brother Technology Co., Ltd. — Jiaxing Brother Standard Part Co., Ltd	57,1	89MM
Chinafar Group: — Jiaxing Chinafar Standard Parts Co., Ltd. — Jiangsu Zhe Fasteners Co., Ltd.	72,3	89MN
Kumpaniji oħrajn li kkooperaw elenkati fl-Anness	59,8	Ara l-Anness
Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	72,3	8 999

3. L-applikazzjoni tar-rati tad-dazju individwali speċifikati għall-kumpaniji msemmija fil-paragrafu 2 għandha tkun kundizzjonali għall-preżentazzjoni lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri ta' fattura kummerċjali valida, li fuqha tidher dikjarazzjoni datata u ffirmata minn uffiċjal tal-entità li toħroġ tali fattura, identifikat b'ismu u bil-kariga tiegħu, abbozzata kif ġej: "*Jiena, is-sottoskritt, niċċertifika li t-tunnellati ta' viti mingħajr irjus mibjugħa għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea koperti minn din il-fattura ġew manifatturati minn (isem u indirizz tal-kumpanija) (kodiċi addizzjonali TARIC) fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina. Jiena niddikjara li l-informazzjoni pprovduta f'din il-fattura hija kompluta u korretta*." Sakemm tiġi ppreżentata tali fattura, għandu japplika d-dazju applikabbli għall-kumpaniji l-oħrajn kollha.

4. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

Artikolu 2

L-ammonti garantiti permezz tad-dazju anti-dumping proviżorju skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1189 għandhom jingħabru b'mod definittiv. L-ammonti garantiti ogħla mir-rati definittivi tad-dazju anti-dumping għandhom jiġu rilaxxati.

Artikolu 3

Dazju anti-dumping definittiv huwa impost fuq l-importazzjonijiet ta' viti u boltijiet, kemm jekk bl-iskorfini u l-woxers tagħhom kif ukoll jekk le, mingħajr irjus, tal-ħadid jew tal-azzar għajr l-azzar inossidabbli, irrispettivament mis-saħħa tensili, eskluża l-coach screws u viti tal-injam oħra, ganċijiet bil-kamin u ċrieki bil-kamin, viti self-tapping, u viti u boltijiet għat-twaħħil ta' materjal għall-bini ta' binarji ferrovjarji, li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 7318 15 42 u 7318 15 48 u li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, li ġew irreġistrati skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/141 bir-rati stabbiliti fl-Artikolu 1(2). Id-dazju huwa applikabbli mid-19 ta' Marzu 2025.

Artikolu 4

L-Artikolu 1(2) jista' jiġi emendat biex iżid produtturi esportaturi ġodda mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u jagħmilhom soġġetti għar-rata medja ponderata xierqa ta' dazju anti-dumping għall-kumpaniji li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun. Produttur esportatur ġdid għandu jipprovdi evidenza li:

(a) huwa ma esportax l-oġġetti deskritti fl-Artikolu 1(1) matul il-perjodu ta' investigazzjoni (mill-1 ta' Lulju 2023 sat-30 ta' Ġunju 2024);

(b) mhuwiex relatat ma' esportatur jew produttur soġġett għall-miżuri imposti minn dan ir-Regolament, u li seta' kkoopera fl-investigazzjoni oriġinali; u

(c) effettivament esporta l-prodott ikkonċernat jew daħal f'obbligu kuntrattwali irrevokabbli sabiex jesporta kwantità sinifikanti lejn l-Unjoni wara t-tmiem tal-perjodu ta' investigazzjoni.

Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Ottubru 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Produtturi esportaturi Ċiniżi li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun

Isem	Kodiċi TARIC addizzjonali
ANHUI GOODLINK FASTENER CO., Ltd.	89MO
CELO Suzhou Precision Fasteners Co., Ltd.	89MP
CHANGZHOU MIKI HARDWARE TECHNOLOGY CO., Ltd.	89MQ
Cixi Jinmao Fastener Co., Ltd.	89MR
Eagle Metalware Co., Ltd.	89MT
EVERGREEN (ZHEJIANG) INTELLIGENT MANUFACTURING CO., Ltd.	89MW
FASTWELL METAL PRODUCTS CO., Ltd.	89MX
HAI YAN MACHINERY CO., Ltd.	89MZ
Haining Xinxing Fasteners Co., Ltd.	89NB
Haining Zhongheng Metal Products Co., Ltd.	89NC
HAIYAN LONGCHENG STANDARD PARTS CO., Ltd.	89ND
HAIYAN BOLT CO., Ltd.	89NE
Haiyan C&F Fittings Co., Ltd.	89NF
Haiyan Jiamei Hardware Manufacturing and Tech. Co., Ltd.	89NG
HAIYAN JINNIU FASTENERS CO., Ltd.	89NH
HAIYAN LONGSHENG HARDWARE CO., Ltd.	89NI
Haiyan Wancheng Fasteners Co., Ltd.	89NJ
Haiyan Wandefu Precision Hardware Co., Ltd.	89NK
Haiyan Xingang Standard Parts Co., Ltd.	89NL
Haiyan Xinyuan Technology Co., Ltd.	89NN
Haiyan Xinyue Electrical Appliances Co., Ltd.	89NO
HAIYAN YINGJIE FASTENER CO., Ltd.	89NP
Haiyan Yuanzhong Hardware Co., Ltd.	89NR
Handan Changfa Fastener Manufacturing Co., Ltd.	89NS
Handan City Daoning Fastener Manufacturing Co., Ltd.	89NT
Handan Haosheng Fastener Co., Ltd.	89NV
HANDAN MINGXIN METAL PRODUCTS CO., Ltd.	89NX
HANDAN TONGHE FASTENER MANUFACTURE CO., Ltd.	89NY
Handan Xiaojun Fastener Manufacturing Co., Ltd.	89NZ
Handan Xingbang Fastener Co., Ltd.	89OA
Handan Yaofeng Fastener Manufacturing Co., Ltd.	89OB
Handan Yongnian Hongji Machinery Parts Co., Ltd.	89OC
Handan Zhonglong Fastener Manufacturing Co., Ltd.	89OD
Hebei Chengyi Engineering Materials Co., Ltd.	89OE
Hebei Fuao Fastener Manufacturing Co., Ltd	89OF
Hebei Goodfix Industrial Co., Ltd.	89OG

Isem	Kodiċi TARIC addizzjonali
HEBEI YUETONG FASTENERS MANUFACTURING CO., Ltd.	89OI
Jiangsu Hengyue Hardware Co., Ltd.	89OJ
JIANGSU LIRUNYOU MACHINERY TECHNOLOGY CO., Ltd.	89OK
JIASHAN SANXIN FASTENER Co., Ltd.	89OM
Jiashan Tianyang Fastener Co., Ltd	89ON
JIASHAN WEIJIE HARDWARE CO., Ltd.	89OO
Jiaxing Aerotec Precision Co., Ltd.	89OP
JIAXING BROTHER UNITED FASTENER CO., Ltd.	89OQ
JIAXING CHUANGLI HARDWARE CO., Ltd.	89OR
JIAXING EXCELLENT FASTENER CO., Ltd.	89OS
JIAXING GOOD METAL TECHNOLOGY CO., Ltd.	89OT
JIAXING HONGJIAN TECHNOLOGY CO., Ltd.	89OU
JIAXING JIAWEI MACHINERY TECHNOLOGY COMPANY, Ltd.	89OV
JIAXING JINYU FASTENER FACTORY, Ltd.	89OW
Jiaxing Jiuli Precision Manufacturing Co., Ltd.	89OX
Jiaxing Julong Hardware Technology Co., Ltd.	89OY
JIAXING KINFAST HARDWARE CO., Ltd.	89OZ
JIAXING LONGFIX FASTENERS CO., Ltd.	89PA
JIASHAN PAILONG METAL PRODUCTS CO., LTD.	89XE
JIAXING RISEN HARDWARE CO., Ltd.	89PC
JIAXING SUNFAST METAL CO., Ltd.	89PD
JIAXING YIDA NEW MATERIAL TECHNOLOGY CO., Ltd.	89PE
Jinan Star Fastener Co., Ltd.	89PF
JOYSTART AUTOMOTIVE PARTS CO., Ltd.	89PG
Langxi Longwei Metal Technology Co., Ltd.	89PH
Langxi Mingfeng Fasteners Co.,Ltd	89XF
Lianyungang Jinyu Hardware Co., Ltd.	89PI
LIANYUNGANG PINGXIN FASTENER COMPANY LIMITED	89PJ
Lianyungang Xincheng hardware Co., Ltd.	89PK
LYG Dragonscrew Co., Ltd.	89PL
MIANXUAN FASTENERS CO., Ltd.	89PM
NEDSCHROEF FASTENERS (KUNSHAN) CO., Ltd.	89PN
Ningbo Da Zhi Machine Technology CO., Ltd.	89PO
Ningbo Jinding Fastening Piece CO., Ltd.	89PR
NINGBO LEMNA PRODUCT TECHNOLOGY CO., Ltd.	89PS
Ningbo Sardis Hardware Products Co., Ltd.	89PT
NINGBO YINZHOU HAIYUN METAL PRODUCTS CO., Ltd.	89PV
Ningbo Zhenghai Yongding Fastener Co., Ltd.	89PW
NINGBO ZHENHAI DINGLI FASTENER SCREW CO., Ltd.	89PX

Isem	Kodiċi TARIC addizzjonali
Ningbo Zhongjiang High Strength Bolts Co., Ltd.	89PY
OK TECH CO., Ltd.	89PZ
PINGHU DRAGON FASTENER CO., Ltd.	89QA
QIFENG PRECISION INDUSTRY SCI-TECH CORP.	89QC
Qingdao Super Star Tools Co., Ltd.	89QD
QINGDAO VANKU INDUSTRY GROUP	89QE
QINGDAO XINHUA HARDWARE PRODUCTS CO., Ltd.	89QF
SHANGHAI FIRM METAL CO., Ltd.	89QG
Shanghai Kingpluse Industry Co., Ltd.	89QH
Shanghai Moutain Industries Co., Ltd.	89QJ
SHANGHAI ROMAX HARDWARE CO., Ltd.	89QK
SHANGRAO CITY YIWEN FASTENER CO., LIMITED	89QL
Suzhou YNK Fastener Co., Ltd.	89QM
T&Y Hardware Industry Co., Ltd.	89QN
TAISHAN DONYI HARDWARE CO., Ltd.	89QO
TANDL INDUSTRY CO., Ltd.	89QP
Xingtai Mindu Industrial Co. Ltd.	89QQ
Yongnian Country Tianbang Fasteners Co., Ltd.	89QR
Zhejiang Cooper Turner Beck Green Energy Co., Ltd.	89QT
Zhejiang Donghe Machinery Technology Corporation Limited	89QV
ZHEJIANG EXCELLENT INDUSTRIES CO., Ltd.	89QW
Zhejiang Haixun Precision Technology Co., Ltd.	89QX
ZHEJIANG HYSTRON AUTO PARTS CO., Ltd.	89QY
ZHEJIANG NEW SHENGDA FASTENER CO., Ltd.	89QZ